Vol 29
Nru 162
Ottubru - Diċembru 2008

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat ta' l-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju ta'
l-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM

BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha

DISTRIBUZZJONI:
P. Ġwann Azzopardi OFM

ABBONAMENT:
€ 7 fis-sena
€12 jew aktar Sostenitur

Kummissarjat ta'
l-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031

STAMPAT:
Best Print Co. Ltd.

Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat ta' l-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2008

comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# Werrej



5



24



33

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm




39



5 Ġużeppi, kustodju tas-skiet

12 Pawlu ta' Tarsu (3)

24 Il-Liturġija fiċ-Ċenaklu fl-ewwel Sekli

33 P. M. Piccirillo - Apprezzament

39 It-Tema tal-Eskatoloġija

43 Il-Misterju tat-Trinita (1)



43


## Fl-Art tal-Kelma Mlaħħma

Matul ix-xahar ta' Ottubru ġie ċċelebrat is-Sinodu ta' l-Isqfijiet, bit-tema «Il-Kelma ta' Alla fil-ħajja u l-missjoni tal-Knisja». Għas-Sinodu ġie mistieden bħala espert biblista u teologu l-professur Patri Frédéric Manns, mill-Fakultà tax-Xjenzi Bibliċi u Arkeoloġija («Studium Biblicum Franciscanum») li l-Franġiskani tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa jmexxu f'Ġerusalemm.

Fil-kummenti tiegħu wara s-Sinodu, Patri Manns tkellem dwar ir-riżultati pożittivi ta' dan l-avveniment importanti fil-ħajja tal-Knisja. Hu semma b'mod partikulari żewġ elementi importanti li jolqtu mill-qrib il-missjoni tal-Franġiskani fl-Art Imqaddsa. Qabel xejn, qal li s-Sinodu kien «skoperta» mill-ġdid tal-Kostituzzjoni Dommatika tal-Konċilju Vatikan II «Dei Verbum» fuq ir-rivelazzjoni divina fl-Iskrittura u t-Tradizzjoni tal-Knisja. Dan imiss mill-qrib is-sehem li l-Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa għandhom fil-qasam tar-riċerka biblika u arkeoloġika, li huma jagħmlu «in situ», fl-istess postijiet qaddisa li fihom seħħew il-ġrajjiet bibliċi. Mhux ta' b'xejn li t-telfa ta' l-arkeologu ta' fama internazzjonali, Patri Michele Piccirillo, fis-26 ta' Ottubru, ħalliet vojt li se jkun diffiċli ħafna li wieħed jerġa' jimlih.

It-tieni aspett li tkellem dwar Patri Manns kien li s-Sinodu reġa' fakkar li l-Papa Pawlu VI kien sejjaħ l-Art Imqaddsa «il-ħames Evanġelju». Kien f'din l-art li tlaħħam il-Verb, il-Kelma ta' Alla, Ġesù Kristu. F'din l-art il-Kelma ta' Alla saret



*...editorjal*

*L-art tal-kelma mlaħħma*

«verbum abbreviatum», kelma mqassra, anzi kelma waħda: il-kelma li tieħu l-isem storiku ta' Ġesù ta' Nazaret, imwieled f'Betleħem, imrobbi f'Nazaret, li qeda l-missjoni tiegħu f'Kafarnahum, li fuq it-Tabor wera l-glorja tiegħu, fiċ-Ċenaklu waqqaf l-Ewkaristija, fil-Ġetsemani ngħata f'idejn ir-rieda tal-Missier, fuq il-Kalvarju miet fuq is-salib u li rxoxta glorjuż mill-Qabar vojt nhar Ħadd il-Għid. Il-preżenza tal-Franġiskani f'dawn is-santwarji hi garanzija ta' fedeltà mhux lejn monumenti storiċi mejtin, imma lejn persuna ħajja li f'dawn il-postijiet issir oġġett ta' fidi għal tant eluf li jżuruhom – il-persuna ta' Ġesù Kristu, l-Iben ta' Alla. Dan kollu juri kemm tibqa' attwali l-missjoni tal-Knisja fl-Art Imqaddsa, missjoni li llum hi possibbli għax għal tmien sekli l-Franġiskani ħarsu l-postijiet qaddisa ukoll bit-tixrid ta' demmhom. Fuq kollox, f'din is-sena iddedikata għall-figura ta' l-Appostlu San Pawl, li xerred il-messaġġ ta' Kristu fid-dinja ta' Żmienu, ma rridux ninsew li l-Art Imqaddsa hi wkoll sinjal ta' evanġelizzazzjoni. Kien f'Ġerusalemm li Pawlu tħarreġ fl-għarfien tal-Kelma ta' Alla, kien f'Ġerusalemm li mar aktar minn darba biex jivverifika l-missjoni tiegħu ta' evanġelizzazzjoni mal-kapijiet tal-«Knisja Omm», Ġakbu, Pietru u Ġwanni. Kien f'Ġerusalemm li, bħal Kristu u bħall-protomartri Stiefnu, Pawlu jinqabad priġunier biex, wara sentejn f'Ċesarija Marittima, isalpa lejn Ruma u jieqaf fostna jxandrilna l-fidi.
L-Art Imqaddsa ssir għal kull nisrani sinjal ħaj ta' preżenza dejjiema li titlob ħarsien u spirtu ta' evanġelizzazzjoni.
L-Ordni Franġiskan jibqa' jqis l-Art Imqaddsa bħala l-«ġawhra» tal-missjonijiet tiegħu, għaliex fl-ebda art oħra ma dewa l-Evanġelju b'tant qawwa, minkejja l-istorja mdemma ta' firdiet, gwerer u vjolenza li hi l-karatteristika ta' din l-Art, xi kultant sfortunatament anke fi żminijietna.
Is-servizz umli ta' preżenza siekta fis-santwarji, il-kura tal-komunità nisranija li tgħix fl-Art Imqaddsa, l-akkoljenza tal-pellegrini, ir-riċerka biblika u arkeoloġika li l-Franġiskani jwettqu b'tant imħabba – dan u aktar hu motivat biss mill-fidi li f'din l-art il-Kelma saret ħajja fil-persuna ta' Ġesù Kristu, Alla magħmul bniedem.
Hawn, kull pass li jmiddu riġlejna, hu pass qaddis fuq l-Art tal-Kelma mlaħħma.



# ĠUŻEPPI, KUSTODJU TAS-SKIET

Il-pjan ta' Alla minn dejjem ried jintwera permezz tal-milja tal-ħajja u ta' l-imħabba tiegħu, meta joħroġ mis-skiet tiegħu permezz tal-Kelma. Hu biss fis-skiet ta' Alla – skiet rivelat fi Kristu, minn Kristu u permezz ta' Kristu – li ħaġa waħda hi definittiva, fis-sens li din titwieled u tispiċċa ħaġa waħda ma' l-infinit tas-silenzju divin. Dak kollu li jiswa fid-dinja jidwi fih is-skiet immens ta' Alla.

Kif Kristu hu l-qalb tas-skiet ta' Marija u Marija hi l-qalb tas-skiet ta' Kristu, hekk Ġużeppi

hu mixħut kollu kemm hu fl-isfera tas-skiet ta' l-għarusa ħelwa tiegħu. Fid-diwi ta' dan is-skiet tagħha hu jesprimi l-personalità qawwija u delikata tiegħu bħala "kustodju" ta' l-oriġini eżistenzjali ta' Kristu u bħala "ħarries" tal-verġinità ta' l-għarusa tiegħu.
Fid-dawl ta' dak li jgħidu l-Evanġelji dwar il-Verġni (Lq 1,26-27) aħna nieħdu gost naqraw ukoll dwar il-personalità delikata ta' Ġużeppi, "ir-raġel ġust" (Mt 1,16-25), jiġifieri dak li kien dejjem attent għas-silenzju ta' Alla. Is-sensibilità ta' Ġużeppi għall-ħwejjeġ ta' Alla tidher b'mod ċar proprju fl-isfera tal-verġinità ta' Marija u fil-ħarsien delikat tiegħu ta' din l-istess verġinità, li ġarret ġewwa fiha Kristu, l-għajn ta' l-istess ħajja.

## It-tħabbira lil Ġużeppi

B'analoġija nistgħu nitkellmu dwar it-tħabbira tat-twelid ta' Ġesù lil Marija f'San Luqa, u dwar it-tħabbira tat-twelid ta' Ġesù lil Ġużeppi f'San Mattew. Din tisvolġi ruħha f'żewġ taqsimiet. L-ewwel taqsima tiġi qabel l-ispjegazzjonijiet ta' l-anġlu, u hi mibnija fuq is-sinjali tal-maternità ta' Marija, li quddiemha Ġużeppi "jiskot u jimmedita" fit-tentattiv li jipprova jiċċara l-affarijiet qabel ma jieħu deċiżjoni jekk jilqax għandu jew inkella jibgħatx



lil Marija. Hu jiddeċiedi li "jibgħatha bil-moħbi tan-nies". It-taqsima l-oħra għandha x'taqsam mal-kliem ta' spjegazzjoni ta' l-anġlu, li jiċċaraw lil Ġużeppi dak li kien qiegħed jiġri f'Marija bil-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu. Għal dawn il-kliem hemm it-tweġiba immedjata ta' Ġużeppi li "jieħu għandu lill-għarusa tiegħu". Tassew tħallina miblugħin l-imġiba ta' Marija! Dan għaliex hi ma qalet xejn lil Ġużeppi? Mill-ġdid it-tweġiba nsibuha biss fir-rispett lejn is-skiet! Marija tiskot. Min kien se jemmen il-kelma tagħha? Marija tinħeba u ssib kenn fis-skiet u twassal lill-għarus tagħha biex jasal jipproġetta l-mossa tal-libell tad-divorzju (Mt 1,16-25), għaliex hu ma setax jemmen dak li kienu qed jaraw għajnejh: it-tfajla ħelwa ta' Nazaret, l-għarusa mwiegħda lilu, bla mittiefsa fil-verġinità tagħha, imma tqila! Fil-misteru Marija tingħalaq fis-skiet ta' adorazzjoni quddiem il-misteru tal-Frott tal-ġuf tagħha.

Fis-silenzju tagħha li jħallina mħawdin, Marija hi bħal maħtufa mill-misteru enormi ta' l-Inkarnazzjoni, u tkaxkar magħha lil Ġużeppi fis-skiet profond tagħha, li hu jilqgħu biss wara rivelazzjoni divina: "laqa' lil martu għandu". B'dan il-mod mill-koppja oriġinali u li tnissel il-ħajja ta' Kristu u Marija, ta' l-Iben u l-Omm, joħroġ bl-istess mod iż-żwieġ għal kollox mirakoluż bejn Ġużeppi u Marija. Dan kollu jseħħ bogħod minn kull indħil tal-bnedmin: Marija tirrispetta s-skiet ta' Alla, u Ġużeppi jirrispetta s-skiet ta' Marija.

Dak li joħroġ għad-dawl hu l-fidi ta' Ġużeppi li jilqa' b'imħabba, b'serenità u b'ferħ il-misteru kollu li jiġi realizzat fl-għarusa tiegħu, biex hekk hu jkun il-ħarries ta' dan l-istess misteru. Dan hu s-sens ta' l-espressjoni biblika, li tagħmel minn Ġużeppi raġel "ġust". Jeħtieġ ninterpretaw b'mod doppju l-intervent divin imqanqal mis-skiet ta' Marija. Mill-banda l-waħda, il-Mulej jidħol biex jgħin lill-"qaddejja" tiegħu, li tiddikjara ruħha fidila sal-qiegħ nett: "ħa jsir minni skont kelmtek" (Lq 1,38). Bħallikieku ngħidu: quddiem l-għażla tal-wegħda tal-verġinità perpetwa ta' Marija u quddiem il-maternità divina skont ir-rieda tiegħu, il-Mulej kellu jsib triq biex minnha joħroġ minħabba s-sitwazzjoni kumplikata li nħolqot. Mill-banda l-oħra, Hu ried jintervjeni wkoll fuq Ġużeppi, billi jiżgurah b'mod li ma jħalli fih l-ebda dubju, dwar dak li kien qed jiġri fl-għarusa tiegħu, u dan għamlu permezz ta' ħolma: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu" (Mt 1,20).



## Ġużeppi kustodju tal-misteru ta' l-Inkarnazzjoni

B'dan il-mod lil Ġużeppi tiġi fdata l-kustodja, il-ħarsien u t-tifkira tal-misteru kbir li jseħħ f'Marija l-għarusa tiegħu. U hekk il-Mulej juri ruħu ħafna akbar mil-liġi! B'konsegwenza loġika nistgħu nissopponu li, kif lil Ġużeppi Alla talbu biex ma jibżax jieħu lil Marija b'martu, hekk ukoll lil Marija ġie żgurat biex ma tibżax tieħu lil Ġużeppi b'żewġha. B'dan il-mod, kif jikkummenta l-Beatu John Duns Scotus, meta jdur lejn Marija: "L-Ispirtu s-Santu jagħtik lil Ġużeppi bħala ħarries u xhud tal-verġinità tiegħek, għaliex bħalek hu wiegħed lil Alla li jibqa' dejjem verġni". Ċertament, iż-żwieġ bejn Ġużeppi u Marija hu wieħed uniku. Wieħed jista' jistaqsi: hu validu żwieġ li fih miżżewweġ jagħmel wegħda assoluta ta' kastità? Il-kwestjoni hi waħda kemm ta' natura teoloġika kif ukoll ġuridika. Dik ta' natura teoloġika timplika l-azzjoni ta' l-Ispirtu s-Santu li jqiegħed lil Marija f'kundizzjoni privileġġjata ta' verġinità assoluta. Il-kwestjoni ta' natura ġuridika titlob li jiġu ċċarati xi elementi dwar iż-żwieġ validu, li jkun kuntratt imma mhux ikkunsmat. Huma ħafna l-ipotesi u l-konklużjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' din is-sitwazzjoni delikata. Fost l-ewlenin hemm dawn: 1) min jaċċetta l-validità taż-żwieġ u jrendi l-wegħda kkundizzjonata, jiġifieri jekk tkunx togħġob lil Alla; 2) min jisħaq fuq il-wegħda u jqis il-kunsens taż-



żwieġ bħala relazzjoni ta' ħbiberija; 3) min jirnexxilu jirrikonċilja ż-żewġ teżijiet, jiġifieri dik tal-validità taż-żwieġ u tal-wegħda assoluta ta' Marija. Il-Beatu Duns Scotus jippreżenta din it-tielet possibilità.
Imma jekk inħarsu 'l hemm mill-interpretazzjonijiet singoli, naħseb li hu meħtieġ nirriflettu fuq id-deċiżjoni ta' Ġużeppi li jiżżewweġ lil Marija, għalkemm kienet tqila, f'relazzjoni mhux biss ma' Marija, imma fuq kollox f'relazzjoni ma' l-Iben li kellu jitwieled u mal-missjoni tiegħu. Skont il-liġijiet li kienu jorbtu f'dak iż-żmien, mhux biss Marija ma kienx ikollha ħajja faċli, għaliex kienet tidħol fir-riskju li tiġi mħaġġra; imma wkoll Binha ma kienx ikun jista' jaqdi b'serenità u dinjità l-ministeru tiegħu li jwassal il-bxara t-tajba lill-bnedmin. Id-deċiżjoni ta' Ġużeppi ssalva kemm lill-Omm kif ukoll lill-Iben minn sitwazzjonijiet diffiċli ħafna f'raħal hekk ċkejken bħalma kien Nazaret, li fih kull ħaġa kienet tkun magħrufa u l-għidud kien jgħaddi minn fomm għal fomm f'ħakka t'għajn: min jaf kemm kienu jqasqsu n-nies fuq tfajla li saret omm u iben mingħajr missier! Ġużeppi, bl-għajnuna ta' l-intervent divin, jiġi kkonfermat fil-"ġustizzja" tiegħu skond l-aġir proprju tal-fidi li qatt ma tħalli fil-paċi lil dawk li jkun, għalkemm tnissel il-paċi fil-qalb. Qabel ma s-sinjali tat-tqala ta' Marija kienu jsiru evidenti, Ġużeppi, dejjem fuq indikazzjoni ta' l-anġlu tal-Mulej, "laqa' lil martu għandu..." (Mt 1,24), jiġifieri ħaffef biex jiċċelebra





ż-żwieġ fost il-ferħ tal-qraba u tal-ħbieb.
Il-personalità ta' Ġużeppi, raġel ġust, tidher mhux biss fid-deċiżjoni mill-aktar delikata li jħares u jiggarantixxi l-verġinità perpetwa ta' Marija, imma fuq kollox filli jiżgura futur għall-Iben li kellu jitwieled skont il-pjan ta' Alla proprju f'Betleħem, mill-familja ta' Ġesse, li minnu kien imnissel (Mt 1,20; Lq 1,27). B'dawn is-sentimenti hu kellu jieħu lil martu tqila mill-Galilija lejn il-Lhudija biex iwettaq id-dmir taċ-ċensiment, u biex b'hekk tiġi rrealizzata l-profezija ta' Mikea 5,1: "Imma int, Betleħem ta' Efrata, ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda, minnek għad joħroġli dak li jkun prinċep f'Israel; hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem, sa minn dejjem ta' dejjem".
Iċ-ċirkustanzi tat-twelid kellhom isaħħu fil-fidi d-deċiżjoni qawwija ta' Ġużeppi. Bħalma Marija kienet tgħożż f'qalbha kull ġrajja u kull ċirkustanza, hekk ukoll Ġużeppi kien jaħseb u jirrifletti fuq kull dettall li kellu x'jaqsam mat-Tfajjel li kellu jitwieled u kien jimmeditah bil-ferħ f'qalbu. Dan il-ferħ, imma, kellu jitqiegħed fi prova iebsa minn tant ċirkustanzi profetiċi u esterni li seħħew madwar it-Tfajjel.
Mhux diffiċli li naqtgħu x'kienu l-ħsibijiet u s-sentimenti kontrastanti li ħassew Ġużeppi u Marija quddiem l-aħbar li waslitilhom f'nofs ta' lejl, jiġifieri biex isalvaw il-ħajja tat-Tfajjel, għax Erodi kien qiegħed ifittxu biex joqtlu, hu li bħala "politiku makakk" ried iwarrab min-nofs lil dak li għalih kien "rivali" u li kien għadu kif deher għad-dawl tad-dinja. Il-qawwa politika, meta hi totalitarja, qatt ma tieqaf tuża l-mezzi kollha basta takkwista dak li trid.
Li wieħed isir jaf f'nofs ta' lejl dwar il-periklu li Tfajjel bħalma kien Ġesù kien se jgħaddi minnu, hu l-quċċata tat-tbatija umana għal żewġ qlub mimlijin fidi u mħabba. U hekk tinfetaħ quddiem Marija u Ġużeppi l-ħajja ta' l-eżilju fl-art ta' l-Eġittu. Ħadd ma jista' jifhem il-prova umana u ta' fidi li għexu Ġużeppi u Marija, u ħadd ma jista' jiddiskreviha, jekk ma jkunx għexha personalment.
B'dan il-mod il-Mulej ried isaffi fin-nar tat-tbatija l-aktar profonda l-qalb ta' Ġużeppi, li kellu fuq spallejh il-piż tal-familja u kellu jara kif jagħmel biex jgħajjixha f'art barranija, mingħajr ma jkollu xogħol jew dar fissa fejn joqgħod. L-unika ċertezza li kellu kienet il-fiduċja fil-Kelma ta' l-anġlu.
Diffikultajiet ta' kull tip, tbatijiet ta' kull xorta, inċertezzi barra minn kull immaġinazzjoni. Dawn kienu saru l-kumpanija ta' Ġużeppi f'dawk il-ftit snin li hu għadda fl-art antika ta' l-Eġittu, li minnha kellu oriġini l-poplu l-magħżul li ħareġ flimkien ma' Mosè lejn l-art imwiegħda. Tidher koinċidenza, imma forsi warajha kien hemm moħbi pjan divin. Wieħed jista' jqabbel lil Ġużeppi ma' Mosè. Ġużeppi ġie msejjaħ biex iwassal lil dak li kellu jipperfezzjona lill-Poplu u jaħkem fuqu, lil Ġesù, fl-art żgura u fl-art tiegħu. Fil-fatt, il-messaġġier divin ma damx

ma reġa' ġie għand Ġużeppi, għax kif iċ-ċirkustanzi storiċi nbidlu bil-mewt ta' Erodi (Mt 1,19-23) hu ġie msejjaħ biex jerġa' lura lejn l-art ta' Israel. F'din is-silta evanġelika għal darba oħra tidher il-qawwa tal-maturità ta' fidi li kellu Ġużeppi li jintelaq dejjem u b'mod sħiħ għar-rieda divina, minkejja l-kuntrarjetajiet kollha tal-ħajja.
Kien donnu se jerġa' jiġi l-bnazzi wara li l-Familja mqaddsa tidħol fil-Galilija, fejn fl-aħħarnett setgħet tgħix il-ħajja fin-normalità l-aktar assoluta: fix-xogħol, fil-familja u fir-reliġjożità. U kien proprju f'mument ta' serenità reliġjuża parteċipata għall-festa ta' l-Għid f'Ġerusalemm, li Ġużeppi ħa miegħu lil martu u lil ibnu li kellu tnax-il sena. Il-ferħ immens ta' l-Għid malajr kellu jinbidel f'sitwazzjoni mimlija nkwiet għal Ġużeppi minħabba l-fatt li Ġesù ntilef b'mod misterjuż. Xi tħoss il-qalb ta' missier u ta' omm meta jintebħu li l-Iben ma għadux magħhom! Kienu għalihom tlitt ijiem tassew mimlijin inkwiet u għali, u ċertament qasmu qalbhom, ukoll jekk kienu mdorrijin isofru quddiem ġejjieni li ma jafux x'se jlesti għalihom. Il-fatt li fiżikament ħassew li Binhom ma kienx magħhom kien għalihom għajn ta' taħwid interjuri kbir. It-tfittxija bla nifs u mingħajr riżultati setgħet biss tħawwad il-moħħ u l-ħsibijiet ta' Ġużeppi. Forsi hu beda jiftakar fil-biża' li kien ħass meta Erodi kien qiegħed ifittex lil Ibnu. Hekk kien mimli għali Ġużeppi hu u jfittex lil Ġesù fost il-ħbieb u l-qraba li kienu fil-karovana li kienet rieġa' lura mill-festa f'Ġerusalemm. Imma ta' xejn fittxu. Il-lejl mingħajr Ibnu kien tassew mudlam. It-talb, il-ħerqa u s-skiet imtawwal min jaf kif imlew iż-żmien kollu ta' dawk it-tlitt ijiem ta' Ġużeppi u Marija. L-avventura donnha kienet twieldet fis-skiet, u donnha kienet se tintemm fis-skiet. It-tama hi iebsa biex tmut. U kienet din it-tama li ġiet ippremjata meta l-ġenituri fl-aħħar sabu lil Ġesù jiddiskuti ma' l-għorrief tal-Liġi fit-tempju.
Fl-aħħarnett is-silenzju tan-nuqqas ta' preżenza jimtela u terġa' lura l-ħemda. U Ġesù ġab ruħu b'rispett kbir lejn Ġużeppi u lejn Marija, billi baqa' dejjem sottomess lejhom sal-jum li fih hu beda l-ħajja tiegħu pubblika. B'dan l-episodju jieqaf kull riferiment għal Ġużeppi. Il-ħajja tiegħu tiftaħ bis-skiet u tintemm fis-skiet. Dan hu l-uniku mod kif naqraw il-ħajja ta' Ġużeppi fl-Evanġelju: mis-skiet ta' Alla għas-skiet f'Alla.

**Giovanni Lauriola OFM**
[«Terrasanta», maggio-giugno 2008, 10-13]





# PAWLU TA' TARSU (3)

## Il-Vjaġġi Missjunarji ta' San Pawl

Il-perjodu ta' l-attività missjunarja ta' Pawlu hu ċertament l-aktar wieħed dokumentat ta' ħajtu. L-ittri ta' San Pawl, għalkemm ma fihomx ħafna dettalji bijografiċi dwar il-movimenti ta' l-Appostlu (cfr. Gal 2,1-10; 2,11-21; 2Cor 11,23-33), joffrulna xhieda tal-kuntatti ta' Pawlu mal-komunitajiet li evanġelizza. L-Atti jsegwu l-passi ta' Pawlu, u għalkemm l-istuttura

skematika tagħhom tobbligana għall-prudenza, imma jgħaddulna informazzjoni ta' min jorbot fuqha. Jitkellmu mhux biss mit-tliet vjaġġi missjunarji ta' Pawlu, imma wkoll mis-sehem tiegħu fil-Konċilju ta' Ġerusalemm, il-laqgħa tiegħu ma' Pietru f'Antjokja, ir-relazzjoni tiegħu mal-Knisja permezz ta' l-ittri u l-priedki li, fil-vjaġġi missjunarji tiegħu, ħaduh minn Antjokja tas-Sirja lejn Ċipru, lejn l-Asja Minuri u l-Greċja, u mbagħad lejn Ruma u forsi wkoll fi Spanja.

Il-vjaġġi ta' San Pawl jidħlu fil-kwadru storiku-politiku-kulturali tal-Greċja, l-Asja Minuri u l-Orjent fl-ewwel nofs ta' l-1 seklu w.K. Wara r-rebħiet ta' Alessandru l-Kbir l-Orjent kien akkwista unità kulturali u politika, l-aktar permezz ta' l-ellenizzazzjoni ta' dawn ir-reġjuni bil-lingwa u l-kultura Griega. Il-qsim ta' l-imperu ta' Alessandru l-Kbir wara mewtu wassal biex Ruma taħkem dawn ir-reġjuni biex tkabbar l-imperu tagħha. Hekk, f'nofs it-2 seklu q.K., il-Greċja, il-Maċedonja u l-parti tal-punent ta' l-Asja Minuri kienu diġà jiffurmaw provinċji ta' l-imperu Ruman. Fl-1 seklu q.K. żdiedu l-provinċji tal-Bitinja, Ċiliċja u Sirja. Taħt Awgustu l-parti ċentrali ta' l-Asja Minuri bdiet tifforma l-provinċja tal-Galazja. Taħt l-imperatur Klawdju ġew iffurmati l-provinċji ta' Liċja u Panfilja. Għalkemm Ruma ħakmet fuq dawn ir-reġjuni kollha, iżda, ta' min jinnota li l-lingwa dominanti baqgħet dik Griega u l-kultura baqgħet ellenika. Ir-reliġjon ta' dawn ir-reġjuni baqgħet influwenzata mid-divinità griegi tal-qedem. Pawlu għalhekk, fil-vjaġġi apostoliċi tiegħu, ħabbat wiċċu ma' l-unità politika tal-pax romana, hu li kien ukoll ċittadin Ruman, u wkoll mas-sinkretiżmu reliġjuż li kien frott ta' l-elleniżmu bil-pantheon ta' l-allat tal-Greċja klassika, u li fihom kellu jippriedka l-fidi Kristjana.

Il-vantaġġ li kellu Pawlu biex ixerred il-messaġġ nisrani u jaħdem bħala missjunarju kien magħmul mis-sistema meraviljuż ta' toroq ta' komunikazzjoni li għalihom baqa' famuż l-imperu Ruman. Kien żmien li, b'toroq tajbin, id-distanzi ma kinux għadhom ibeżżgħu, u t-toroq kienu saru ħafna aktar żguri.

It-toroq kollha ta' l-imperu kienu jitilqu minn Ruma, x'aktarx qrib il-Kolossew. Minn hawn kienu jitilqu tliet arterji prinċipali: il-Via Aurelia u l-Via Amelia, li kienu jitilgħu lejn it-tramuntana ta' l-Italja lejn Franza; il-Via Appia, ir-"reġina" tat-toroq rumani, li kienet tinżel lejn in-nofsinhar ta' l-Italja lejn Taranto u Brindisi. Minn hawn il-vjaġġaturi kienu jaqsmu l-Adrijatiku mill-aktar parti dejqa tiegħu, fl-iStretto di Otranto, u minn Durazzo fl-Albanija kienet titlaq il-Via Ignazia, li kienet twassal fil-Greċja u fl-Asja Minuri. Minn Kostantinopli l-vjaġġaturi kienu jaqsmu l-Bosforu u jidħlu fl-Asja Minuri, fejn kien hemm diversi toroq, dik ta' Efesu, dik msejħa Reale, u l-Via Sebastea. Fil-Palestina t-triq





prinċipali kienet il-Via Maris, li kienet titlaq mill-Eġittu u titla' lejn Damasku mill-kosta tal-Mediterran u tidħol fil-Galilija lejn l-għoljiet tal-Golan għas-Sirja. Id-distanzi kienu jiġu kkalkolati minn plieri, li nstabu diversi minnhom.
Il-vjaġġi bil-baħar kienu wkoll organizzati tajjeb. L-istaġun tajjeb biex wieħed ibaħħar kien dak bejn April-Mejju u Ottobru-Novembru. L-imbarkazzjonijiet ma kinux żgħar, jekk niftakru li l-ġifen li fuqu Pawlu wasal Malta fi triqtu lejn Ruma kellu fuqu 276 persuni (Atti 27,37). Ir-rotot ta' l-iġfna kienu jew dawk li jsegwu mill-qrib il-kosta, jew inkella dawk li jaqsmu l-Mediterran direttament. Id-direzzjoni tar-rotot tal-baħar kienet ta' tliet xorta: dik tat-tramuntana, mill-portijiet ta' l-Asja Minuri għall-Baħar Eġew u għal Messina jew Brindisi; dik medja mill-portijiet tas-Sirja jew tal-Palestina, għal Kreta u għal Sqallija tal-lvant; dik tan-nofsinhar, mill-port ta' Lixandra matul il-kosta ta' l-Afrika ta' fuq, li kienet tilwi lejn it-tramuntana lejn Malta, Sirakuża, Messina u l-portijiet ta' l-Italja. Il-vjaġġ mill-Palestina għal Ruma kien idum 15-il ġurnata jekk it-temp ikun favorevoli, inkella kien jieħu xahar jew iżjed.
San Pawl kien midħla ta' dawn il-vjaġġi bl-art u l-baħar. F'2Kor 11,23-28 jikteb: "Huma ministri ta' Kristu? Jiena - ħa nitkellem ta' iblah! – jiena aktar minnhom. Ħafna aktar minnhom fit-taħbit, ħafna aktar minnhom fil-ħabsijiet, aktar u aktar minnhom fis-swat. Bosta drabi sibt ruħi wiċċ imbwiċċ mal-mewt. Ħames darbiet qlajt mingħand il-Lhud l-erbgħin daqqa neqsin waħda; tliet darbiet tawni s-swat bil-virgi; darb' oħra ħaġġruni. Tliet darbiet rajt l-għarqa; għaddejt lejl u jum f'nofs ta' baħar. Għamilt safar bla għadd; sibt ruħi f'perikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin, perikli min-nies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert, perikli fil-baħar, perikli mill-aħwa qarrieqa. Taħbit u xogħol iebes; kemm-il darba kelli ngħaddi sahriet bla rqad, bil-ġuħ u bil-għatx; kemm-il darba kelli ngħaddi fis-sawm, fil-ksieħ u fl-għera! U, biex ma nsemmix ħwejjeġ oħra, dak il-ħafna ġej u sejjer tan-nies ta' kuljum għandi, u l-ħsieb tal-knejjes kollha!"

## L-Ewwel Vjaġġ Missjunarju

Għalkemm il-vjaġġ ta' Pawlu u Barnaba li jibda f'Atti 13 hu magħruf bħala "l-ewwel vjaġġ missjunarju", fil-fatt l-Atti ftit jitkellmu dwar iż-żmien li fih Pawlu kien jinsab Tarsu, wara li telaq minn Ġerusalemm f'Atti 9,30. Atti 11,25-30 isemmu vjaġġ li Pawlu u Barnaba għamlu lejn Ġerusalemm biex jieħdu għajnuniet lill-insara Lhud, imma din is-silta hi forsi redazzjonali. Li nafu żgur, minn Gal 1,21: "Mbagħad mort fl-inħawi tas-Sirja u taċ-Ċiliċja", hu li Pawlu, f'dan iż-żmien li kien f'Tarsu, evanġelizza dan ir-reġjun tas-Sirja-Ċiliċja, hekk li Atti 13,1 jagħarfu li hu u Barnaba kienu meqjusin bħala dutturi u profeti. X'aktarx li Pawlu dam bejn 5 u 7 snin fis-Sirja-Ċiliċja, u fil-belt ta' Antjokja, fejn skont Atti 11,25-26 Barnaba intbagħat mill-appostli, u mbagħad mar Tarsu jġib lil Pawlu u damu sena flimkien jevanġelizzaw dik il-komunità, fejn għall-ewwel darba d-dixxipli bdew jissejħu "Kristjani". Interessanti li Luqa, awtur ta' l-Atti, kien ġej minn Antjokja, u għalhekk jagħtina tagħrif eżatt dwar din il-ġrajja. Minn Antjokja Pawlu u Barnaba jintbagħtu fil-missjoni Barnaba u Pawlu, mela, damu jaħdmu għal sena sħiħa f'Antjokja. Il-belt ta' Antjokja kienet it-tielet l-akbar belt ta' l-imperu Ruman, wara Ruma u Lixandra. Antjokja fuq ix-xmara Oronte kienet ġiet imwaqqfa minn Selewku Nikatore (c. 300 q.K.), u kienet kapitali tas-saltna tas-Selewċidi. Taħt ir-Rumani saret il-kapitali tal-provinċja tas-Sirja u kellha mal-500 elf abitanti mħalltin mill-Asja Minuri, Palestina, Greċja u Ruma. L-ewwel insara Lhud kienu waslu f'Antjokja wara l-persekuzzjoni kontrihom f'Ġerusalemm (Atti 11,19). Uħud minnhom, li kienu ellenisti, bdew ixandru l-Evanġelju wkoll lill-Griegi. Il-komunità kristjana kellha fi ħdanha "profeti u dutturi", ministeri ġodda li jiżdiedu ma' dawk ta' "appostli u presbiteri" tal-knisja ta' Ġerusalemm. Kienu dawn li, b'ispirazzjoni divina, bagħtu lil Pawlu u Barnaba għall-missjoni ta' l-ewwel vjaġġ. "Fil-Knisja ta' Antjokja kien hemm xi profeti u għalliema: Barnaba, Xmun li jgħidulu Niger, Luċju minn Ċireni, Manahen li kien trabba ma' Erodi t-tetrarka, u Sawl. Darba, waqt li kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu, l-Ispirtu s-Santu qalilhom: 'Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl għax-xogħol li għalih sejjaħtilhom'. Mbagħad, wara li samu u talbu, qiegħdu jdejhom fuqhom u bagħtuhom" (Atti 13,1-3). Skont Atti 13,5 ħadu magħhom lil Ġwanni Marku, kuġin ta' Barnaba, niżlu fil-port ta' Selewkja u qasmu lejn il-gżira ta' Ċipru.

## Barnaba u Pawlu jevanġelizzaw Ċipru

It-tliet missjunarji waslu Ċipru fir-rebbiegħa tas-sena 43/44 w.K., fil-port ta' Salamina. Ċipru, l-akbar gżira tal-Mediterran orjentali, kienet magħrufa mill-qedem. Il-





Fargħun ta' el-Amarna (c. 1400 q.K.) kien jafha bl-isem ta' Alasya, l-Assiri b'dak ta' Yavnan u l-Lhud kienu jsejħulha Kittim (minn fejn il-belt antika ta' Kition, illum Larnaca). L-isem Ċipru jidher li użah għall-ewwel darba Omero. Bosta kittieba tal-Greċja klassika jsemmu Ċipru, gżira famuża għall-minjieri tar-ram, kolonja tal-Feniċi, Griegi, Assiri, Persjani, Tolomej u Rumani, li ħakmuha fis-sena 58 q.K. Fis-sena 22 q.K. ir-Rumani għamlu Ċipru provinċja imperjali, taħt it-tmexxija ta' prokonslu. Barnaba, Pawlu u Ġwanni Marku waslu Salamina, u bdew jippriedkaw fis-sinagogi tal-Lhud (Atti 13,5). Barnaba kien minn Ċipru, u għalhekk x'aktarx li l-appostli kellhom suċċess mhux żgħir fost il-komunità Lhudija, li kienet numeruża f'din il-gżira. Il-fatt li Atti 11,19 jsemmu li xi nsara li ħarbu minn Ġerusalemm wara l-persekuzzjoni li qamet fil-martirju ta' Stiefnu kienu waslu Ċipru, jindika li diġà kien hemm preżenza Kristjana fil-gżira, u li Barnaba forsi kien diġà ħadem qabel bħala evanġelizzatur. Hekk l-appostli qasmu l-gżira kollha jippriedkaw fis-sinagogi, sa ma waslu fuq il-kosta tal-punent, fil-port ta' Pafos (Atti 13,6). X'aktarx li huma għaddew mill-bliet tal-pjanura li hemm mal-kosta tan-nofsinhar tal-gżira, billi l-intern ta' Ċipru hu magħmul mill-muntanji Trodos, li fihom ftit kien hemm ċentri abitati. Pafos kienet il-belt kapitali tal-gżira, fejn skont il-mitoloġija l-alla mara ta' l-imħabba Afrodite telgħet mill-mewġ. Hawnhekk kien joqgħod il-prokonslu Ruman Serġju Pawlu (Atti 13,7), li Pawlu kkonvertih għall-kristjaneżmu, minkejja l-oppożizzjoni tas-saħħar u profeta falz Lhudi Barjesu, jew Elimas. L-isem tal-prokonslu Ruman Serġju Pawlu hu attestat f'iskrizzjoni li nstabet f'Soli f'Ċipru. Rigward is-saħħar Elimas, li Pawlu jċanfru bil-kbir, nafu minn Plinio Vecchio f' li Historia Naturalis (XXX,11) li f'Ċipru kien hemm skejjel tas-sħaħar. B'hekk naraw ukoll rebħa ta' l-Ispirtu fuq il-qawwiet tal-ħażen, li sseħħ bil-ħidma ta' Pawlu u sħabu. F'Pafos hemm meqjum fdal ta' kolonna li, skont tradizzjoni lokali, fuqha ġie fflaġellat Pawlu talli xandar l-Evanġelju.

## F'Antjokja ta' Pisidja

Malli temmew il-missjoni f'Ċipru, "Pawlu u sħabu telaqu bil-baħar minn Pafos u waslu Pergi fil-Panfilja. Hawn Ġwanni (Marku) ħallihom u raġa' lura lejn Ġerusalemm" (Atti 13,13). Id-distanza bejn Ċipru u l-kosta tal-Panfilja mhijiex kbira, u x'aktarx sbarkaw f'Attalja, u minn hemm marru Pergi, xi 15-il kilometru 'l ġewwa. Minn hemm l-evanġelizzaturi marru Antjokja ta' Pisidja. Il-fatt li Pawlu jsir kap tal-missjoni jidher mill-fatt li ismu jibda jidher l-ewwel wieħed. Ma nafux għaliex Marku ħalla l-missjoni u reġa' lura lejn Ġerusalemm. Hu x'inhu, aktar tard, fit-tieni vjaġġ missjunarju, Pawlu u Barnaba ma qablux

bejniethom meta Marku ried imur magħhom, u spiċċaw biex infirdu. Pawlu mar għal rasu u Barnaba u kuġinuh Marku marru Ċipru (Atti 15,36-41). Antjokja ta' Pisidja kienet 160 kilometri fl-intern tal-penisola Anatolika (Turkija tallum). Fiha kien hemm kolonja kbira ta' Lhud, u x'aktarx għalhekk mar hemm Pawlu. Wara li qasmu l-muntanji tat-Taurus, l-appostli waslu f'Antjokja ta' Pisidja, belt imwaqqfa fis-sena 280 q.K. minn Selewku Nikatore, b'tempju lil alla Men. Fis-sena 25 q.K. Awgustu għolliha għal kolonja Rumana bit-titlu ta' Colonia Caesarea Antiochea. Minnha kienet tgħaddi l-Via Sebastea, li minn Efesu kienet tieħu lejn "il-Bibien taċ-Ċiliċja" bejn il-muntanji, wara li kienet tgħaddi minn Ikonju, Listra u Derbe. Fis-sinagoga ta' Antjokja ta' Pisidja Pawlu jagħmel diskors klassiku, l-ewwel wieħed tiegħu, li hu eżempju ta' predikazzjoni lil-Lhud. Wara l-qari tal-Liġi u tal-Profeti, il-kapijiet tas-sinagoga stiednu lill-appostli jkellmu lill-ġemgħa: "L-aħwa, jekk xi ħadd minnkom irid jgħid kelmtejn ta' tħeġġiġ lill-poplu, tkellmu" (Atti 13,15). Pawlu qam, għamel sinjal b'idu, u beda jitkellem skont skema ta' katekeżi lil-Lhud:

1) Atti 13,16-22, Pawlu jsemmi l-għemejjel ta' Alla fit-Testment il-qadim, mill-patrijarki sa David;

2) Atti 13,23-31, l-Appostlu jxandar lil Ġesù bħala l-Messija mwiegħed, imnissel tassew minn David, u jagħti dehra storika tax-xhieda ta' l-appostli mill-magħmudija ta' Ġwanni sal-qawmien u t-tlugħ fis-sema tal-Mulej;

3) Atti 13,38-41, Pawlu jtemm id-diskors tiegħu taħt forma ta' midrash, billi jistieden lis-semmiegħa għall-konverżjoni u għall-fidi f'Ġesù.

Id-diskors ta' Pawlu ħalla impressjoni tajba fis-sinagoga, hekk li "huma u ħerġin mis-sinagoga, in-nies bdew jitolbuhom biex is-Sibt ta' wara jerġgħu jkellmuhom fuq dawn il-ħwejjeġ" (Atti 13,42). Din ir-reazzjoni tajba tal-kapijiet forsi turi li riedu żmien biex jeżaminaw duttrina li kienet tidhrilhom ġdida, jekk mhux ukoll perikoluża. Xi Lhud u proseliti oħrajn kienu aktar favorevoli u marru wara Pawlu u Barnaba, li "ħeġġewhom biex jibqgħu fil-grazzja ta' Alla" (Atti 13,43).

Is-Sibt ta' wara saret seduta sinagogali oħra, li fiha "tista' tgħid il-belt kollha nġabret biex tisma' l-kelma tal-Mulej" (Atti 13,44). Imma l-Lhud preżenti kienu mimlijin għira meta raw dik il-ġemgħa, u r-reazzjoni saret vjolenta. "Il-Lhud, meta raw il-folol, mtlew bil-għira u bdew imieru lil Pawlu u jidgħulu. Imma Pawlu u Barnaba bil-kuraġġ kollu qalu: 'Hekk kien meħtieġ, li l-kelma ta' Alla titħabbar lilkom l-ewwel. Billi intom qegħdin twarrbuha ... aħna se nduru



fuq il-pagani" (Atti 13,46). Hekk il-pagani laqgħu l-fidi bil-ferħ. Għalkemm Pawlu u Barnaba baqgħu għal xi żmien f'Antjokja ta' Pisidja, ma damitx ma qamet persekuzzjoni sħiħa kontrihom, u huma telqu minn hemm, billi farfru t-trab minn ma' riġlejhom (Mt 10,14), u rħewlha fuq il-Via Sebastea lejn il-belt ta' Ikonju, xi 130 kilometri bogħod minn Antjokja.

## F'Ikonju

Ikonju kienet belt fiċ-ċentru ta' l-altipjan ta' l-Anatolja ċentrali, u kienet inkorporata fir-reġjun ta' Likaonja bħala l-kapitali tiegħu. Fi żmien Pawlu kienet tagħmel parti mill-Provinċja Rumana tal-Galazja. Ir-Rumani ħakmuha fis-sena 133 q.K. u tawha l-isem ta' Claudiconium, ad unur ta' l-imperatur Klawdju. Fi żmien l-imperatur Adrijanu kien jisimha Colonia Aelia Hadriana Augusta Iconiensium. Fil-Medjuevu kienet iċ-ċentru tad-dinastija Turka tas-Selġjukidi u tas-setta tad-"Dervish". Illum il-belt għadha teżisti bl-isem ta' Konya. F'Ikonju (Atti 14,1-7) Luqa jirrepeti l-istess skema ta' Antjokja ta' Pisidja. Pawlu u Barnaba jmorru fis-sinagoga u jxandru l-messaġġ Kristjan. Waqfu għal żmien twil f'Ikonju (Atti 14,3), sakemm bdiet persekuzzjoni kontrihom mil-Lhud, li riedu jħaġġruhom. Għalhekk telqu minn hemm u marru fil-bliet ta' Likaonja.



## F'Listra

L-appostli komplew tul il-Via Sebastea u marru fil-belt ta' Listra. Ftit nafu fejn kienet din il-belt, u s-sit arkeoloġiku tagħha għadu inċert. Kienet tinsab xi 30 kilometru fuq ix-xlokk ta' Ikonju. Fi żmien Awgustu kienet parti mill-Provinċja Rumana ta' Galazja, u kien jisimha Colonia Iulia Felix Gemina Lystra. Kien f'Listra li leġġenda antika kienet tqiegħed il-laqgħa mitoloġika bejn Żews u Ermi (Hermes), u għalhekk nifhmu dak li ġara wara li Pawlu fejjaq ir-raġel magħtub f'Listra (Atti 14,11-18). Fit-tieni vjaġġ missjunarju tiegħu, Pawlu reġa' għadda Listra u hemm iltaqa' ma' Timotju, li kien minn din il-belt, u ħadu miegħu bħala kollaboratur tiegħu (Atti 16,1-3). F'Listra ma kienx hemm Lhud, u Pawlu u Barnaba għaldaqstant ippriedkaw lill-pagani. Meta Pawlu fejjaq lir-raġel magħtub in-nies ħasbu li Barnaba u Pawlu kienu l-allat Żews u Ermi, u l-qassis pagan ġie biex joffrilhom sagrifiċċju. Id-diskors ta' Pawlu biex jikkonvinċi lin-nies li l-appostli

kienu bnedmin u mhux allat, hu l-ewwel eżempju tad-diskorsi ta' Pawlu lill-pagani, iċċentrati fuq il-kult lejn il-veru Alla li ħalaq is-sema u l-art, u r-rifjut ta' l-allat pagani. L-eżempju klassiku ta' diskors bħal dan hu dak li Pawlu kellu jagħmel f'Atene f'Atti 17,22-34. Kien għalhekk li n-nies biddlet il-fehma dwar l-appostli. Meta mbagħad saru jafu li kienu Lhud ġejjin minn Ikonju, qabdu lil Pawlu, kaxkruh barra mill-belt u qabdu jħaġġruh. B'xorti tajba Pawlu ma mietx minn din ix-xebgħa ġebel, u wara li għenuh id-dixxipli, reġa' daħal il-belt u l-għada telaq ma' Barnaba lejn Derbe.

## F'Derbe

Dwar il-belt ta' Derbe wkoll nafu ftit, u s-sit arkeoloġiku tagħha għadu diskuss. X'aktarx li kienet xi 90 kilometri lejn ix-xlokk ta' Listra. Parti mill-Provinċja tal-Kappadoċja, qrib is-sena 65 q.K. ġiet inkluża fil-Provinċja Rumana tal-Galazja. Luqa jagħtina sommarju tal-ħidma apostolika ta' Pawlu u Barnaba f'Derbe: "Huma xandru l-Evanġelju f'dik il-belt u għamlu ħafna dixxipli. Fi triqithom lura għaddew minn Listra, Ikonju u Antjokja, jagħmlu l-qalb lid-dixxipli" (Atti 14,21-22). Jidher li f'Derbe ma nqala' l-ebda inċident kontra l-appostli, għax ma ħarbux minnha. Interessanti ninnutaw li, għalkemm minn Derbe, Pawlu kien qrib ħafna ta' beltu, Tarsu fiċ-Ċiliċja, hu ma marx hemm, imma ipprefera jerġa' lura mit-triq li minnha ġie. Dan biex isaħħaħ fil-fidi d-dixxipli li kienu laqgħu l-Evanġelju, u fuq kollox biex jaħtar il-"presbiteri", jew anzjani, fid-diversi komunitajiet (Atti 14,23). Dawn kienu jmexxu l-knejjes b'mod kolleġjali waqt l-assenza ta' l-appostli.
Meta temmew iż-żjara tal-komunitajiet, Pawlu u Barnaba niżlu Perge, fejn xandru l-Evanġelju, u mbagħad Attalja, minn fejn imbarkaw lura lejn is-Sirja u l-belt ta' Antjokja. "Meta waslu, laqqgħu l-membri tal-Knisja u qagħdu jgħarrufhom b'dak kollu li Alla għamel magħhom, u wrewhom kif fetaħ il-bieb tal-fidi għall-pagani" (Atti 14,27). Ninsabu x'aktarx lejn ir-rebbiegħa tas-sena 49 w.K. Atti 14,28 jgħidu li "qagħdu għal ftit taż-żmien sewwa mad-dixxipli", u għalhekk nistgħu ngħidu li Pawlu u Barnaba qattgħu s-sena 49 fil-komunità ta' Antjokja.





*San Barnaba*

## Il-Konċilju ta' Ġerusalemm

Waqt li Pawlu u Barnaba kienu fuq l-ewwel vjaġġ missjunarju, l-komunità kristjana ta' Antjokja kienet ġiet imħawda mill-wasla ta' xi Lhud-Kristjani li ġew mil-Lhudija, li kienu qed jgħallmu din id-duttrina: "Jekk ma toqogħdux għaċ-ċirkonċiżjoni skont id-drawwa li ġejja minn Mosè, ma tistgħux issalvaw" (Atti 15,1). Jidher li Pawlu u Barnaba "qamu kontra tagħhom u ħaduha magħhom bis-sħiħ" (Atti 15,2), hekk li f'Gal 2,4-5 Pawlu jitkellem dwar "uħud li riedu jiżżattu, aħwa foloz li ndaħlu bla jedd biex jissindikaw il-libertà tagħna li għandna fi Kristu Ġesù ħalli jitfgħuna fil-jasar ... lilhom anqas għal waqt wieħed biss ma rħejnielhom iwaqqgħuna għalihom".

Din il-problema, li għalina tidher tant sempliċi, fil-Knisja tal-bidu kienet għajn ta' diviżjoni ħarxa bejn Kristjani li qabel kienu Lhud u Kristjani li qabel kienu pagani. Ma nistgħux nimmaġinaw it-trawma li kienu jħossu l-Lhud-Kristjani meta xi ħadd bħal Pawlu jitkellem mill-fatt li Kristu xejjen għal kollox il-Liġi ta' Mosè u ċ-ċirkonċiżjoni. Pawlu u Barnaba, fil-fatt, ma kinux qed jippriedkaw li Kristu neħħa l-Liġi (cfr. Mt 5,17-20), imma li Kristu sar Hu nnifsu l-vera liġi għal dawk li jemmnu fih (cfr. Rum 10,4; Gal 6,2). Il-Kristjani li qabel kienu pagani kienu ġustament jirreaġixxu kontra l-pretensjonijiet tal-Lhud-Kristjani, għax kienu jinterpretawhom bħala proselitiżmu fir-reliġjon Lhudija.

Kien għalhekk li "qatgħuha li Pawlu u Barnaba ... jitilgħu Ġerusalemm ikellmu lill-appostli u l-presbiteri fuq din il-kwestjoni" (Atti 15,2). Ir-raġuni jispjegaha Pawlu wkoll f'Gal 2,1-2: "Wara erbtax-il sena rġajt tlajt Ġerusalemm flimkien ma' Barnaba u ħadt miegħi lil Titu wkoll. Tlajt hemmhekk wara li kelli rivelazzjoni; u jiena qegħidt quddiemhom, lill-mexxejja ewlenin weħidhom, u wrejthom l-Evanġelju li qiegħed inxandar fost il-ġnus, biex ma nkunx ġrejt jew qiegħed niġri għalxejn".

Għaldaqstant Pawlu u Barnaba telqu lejn Ġerusalemm, "u għaddew mill-Feniċja u s-Samarija, jitkellmu fuq il-konverżjoni tal-pagani u jnisslu ferħ kbir fost l-aħwa kollha. Meta waslu Ġerusalemm, il-ġemgħa tal-Knisja, l-appostli u l-presbiteri, laqgħuhom tajjeb u huma għarrfuhom b'dak kollu li Alla kien għamel magħhom" (Atti 15,3-4).

## Il-ġemgħa ta' Ġerusalemm

Din il-ġemgħa baqgħet magħrufa fl-istorja bl-isem improprju ta' "Konċilju ta' Ġerusalemm". Imma nżommu l-isem, billi hu popolarment magħruf biex jindika n-natura ta' din il-ġemgħa. L-ewwel problema qajjmuha l-"aħwa foloz" li dwarhom jitkellem Pawlu f'Galatin. "Xi wħud min-naħa tal-Fariżej li kienu emmnu qamu jgħidu: 'Jeħtieġ li l-pagani joqogħdu għaċ-ċirkonċiżjoni u jkunu obbligati

jħarsu l-Liġi ta' Mosè'" (Atti 15,5).

Ir-rakkont ta' din il-laqgħa jagħtuhulna Atti 15,1-35 u Gal 2,1-10. Ix-xebh insibuh f'dawn l-elementi:

a) Pawlu u Barnaba jitilqu minn Antjokja tas-Sirja (Gal 1,21; Atti 15,2-4) u jitilgħu Ġerusalemm (Gal 2,1-2; Atti 15,4);

b) iż-żmien meta Pawlu mar Ġerusalemm kien "wara erbatax-il sena" (Gal 2,1);

c) il-persuni kienu Pawlu, Barnaba u Titu (Gal 2,1; Atti 15,2), l-"aħwa foloz" li jaġixxu kemm f'Antjokja kif ukoll f'Ġerusalemm (Gal 2,3; Atti 15,1-5), il-"kapijiet", l-appostli u l-presbiteri tal-Knisja-omm (Gal 2,2.6; Atti 15,6);

d) s-suġġett tad-diskussjoni kien jirrigwarda jekk il-pagani konvertiti kellhomx joqogħdu għaċ-ċirkonċiżjoni u l-Liġi ta' Mosè (Gal 2,3-5; Atti 15,1.5);

e) il-karattru tal-ġemgħa, li tidher kemm bħala ġemgħa liturġika, li fiha l-komunità kollha tisma' dwar il-missjoni ta' Pawlu u Barnaba (Gal 2,2b; Atti 15,4), kif ukoll bħala ġemgħa bejn l-aħwa u privata bejn iż-żewġ missjunarji u l-"kapijiet" ta' Ġerusalemm (Gal 2,2c; Atti 15,6).

Il-kelliema jidhru li kienu diversi. L-ewwel saret diskussjoni mill-"appostli u l-presbiteri flimkien biex jaraw din il-kwestjoni" (Atti 15,6), bir-riżultat li tkellmu Pietru (Atti 15,7-11), Pawlu u Barnaba (Atti 15,12) u fl-aħħarnett Ġakbu (Atti 15,13-21). It-tesi ta' Pawlu ġiet ikkonfrontata ma' dik ta' Pietru, biex Ġakbu ħareġ b'soluzzjoni li tħares l-unità tal-Knisja fix-xandir tal-bxara t-tajba tal-fidi.

F'Gal 2,7-9 Pawlu hu espliċitu dwar dak li ġara: "meta raw li lili kien fdat ix-xandir ta' l-Evanġelju fost il-Ġentili bħalma kien lil Pietru fost il-Lhud ... Ġakbu, Kefa u Ġwanni, li kienu meqjusin bħala l-kolonni, taw lili u 'l Barnaba l-id il-leminija tagħhom b'sinjal ta' l-għaqda ta' bejnietna, biex aħna naħdmu fost il-Ġentili u huma fost il-Lhud". U jżid klawsola: "Talbuna biss, li min-naħa tagħna nibqgħu niftakru fil-fqar" (Gal 2,10), jiġifieri fil-Knisja-omm ta' Ġerusalemm. Fil-fatt, Pawlu kien organizza ġabra favur l-insara foqra ta' Ġerusalemm aktar tard fil-ministeru tiegħu, li dwarha jitkellem fl-ittri (1Kor 16,1-4; 2Kor 8-9; Gal 2,10; Rum 15,25-33). Dan il-ġest kien juri l-għaqda tal-Knejjes kollha mal-Knisja-omm. Pawlu, meta xandar il-Kelma, qatt ma warrab lil-Lhud; anzi, kien l-ewwel jippriedka lilhom, kif rajna, u mbagħad idur fuq il-pagani.

Il-ġemgħa ta' Ġerusalemm waslet għall-konklużjoni għaqlija permezz ta' Ġakbu: "Għalhekk jien ngħid li m'hux ta' min idejjaqhom lill-pagani li jikkonvertu lejn Alla. Biss niktbulhom biex jitbiegħdu mill-ikel imniġġes bl-idoli, u miż-żwieġ ħażin, u mil-laħam ta' annimali fgati u mid-demm" (Atti 15,19-20). Dawn il-klawsoli kienu sempliċement elementi essenzjali biex il-Lhud-Kristjani u l-Kristjani-Ġentili jkunu jistgħu jifhmu



*San Ġakbu*



lil xulxin u jieħdu sehem bla skrupli ta' kuxjenza waqt l-ágape fraterna, u l-aktar dik ewkaristika. Kienu jitolbu mill-Kristjani Ġentili li ma jiklux laħam offert lill-allat foloz (cfr. 1Kor 8,1-13; 10,14-33); li ma jiklux id-demm, li fih hemm il-ħajja, u l-annimali fgati, projbiti għal-Lhud minn Lev 17,13-14. Kienu jipprojbixxu l-porneia, x'aktarx rabtiet ta' żwieġ bejn nies ta' l-istess demm, projbiti minn Lev 18 (mela mhux fonikazzjoni fis-sens strettament morali kif nifhmuha llum). Ma nafux jekk Pawlu kienx jaf b'dan id-digriet tal-Knisja ta' Ġerusalemm. Għalkemm jirreferi għall-istess problemi f'1Kor 8-10, ma nafux jekk hemmx rabta bejn dak li ġara f'Antjokja u l-problemi li Pawlu sab f'Korintu. Fil-fatt f'Galatin Pawlu lanqas isemmi dan id-digriet. Jista' jkun li dan id-digriet apostoliku ta' Atti 15,28-29 sar f'mument ieħor barra mill-ġemgħa ta' Ġerusalemm, u li Luqa għaqqad flimkien b'mod redazzjonali żewġ ġrajjiet differenti. Id-digriet jidher indirizzat lill-Knejjes ta' Antjokja, Sirja u Ċiliċja, fejn l-aktar kienet taħraq il-problema bejn Kristjani-Lhud u Kristjani-Ġentili.

## L-inċident ta' Antjokja

Wara l-Konċilju, Pawlu u Barnaba, flimkien ma' Ġuda Barsabba u Sila, li ħadu l-ittra tad-digriet ta' l-appostli, marru Antjokja, fejn laqqgħu l-ġemgħa u kkomunikaw id-deċiżjonijiet tal-Konċilju ta' Ġerusalemm (Atti 15,30-31).

Imma minn Gal 2,11-14 nafu li nqala' inċident f'Antjokja, x'aktarx fis-sena 50, ftit wara l-Konċilju, li għalkemm indipendenti mid-digriet apostoliku, kellu bħala oġġett mill-ġdid ir-relazzjonijiet bejn Kristjani-Lhud u Kristjani-Ġentili. Nisimgħu lil Pawlu jirrakkonta x'ġara bejnu u Pietru f'Antjokja:

"Meta Kefa ġie Antjokja, jiena waqaftlu f'wiċċu, għaliex kellu tort. Għax qabel ma waslu xi wħud mingħand Ġakbu, hu kien qiegħed jiekol mal-Ġentili; iżda mbagħad lil dawn beda jaħrabhom u jitwarrab minnhom meta waslu dawk, għaliex beża' mil-Lhud ċirkonċiżi. Il-Lhud l-oħra bdew jimxu bl-uċuħ bħalu, u saħansitra Barnaba ħalla ruħu jitħajjar minnhom fil-wiri ta' ħaġa b' oħra. Imma meta rajt li ma kinux miexja sewwa skont il-verità ta' l-Evanġelju, jiena għidt lil Kefa quddiem kulħadd: 'Jekk inti, li int Lhudi, qed iġġib ruħek bħall-Ġentili u mhux ta' Lhudi li int, kif qiegħed iġġiegħel lill-Ġentili jġibu ruħhom ta' Lhud?" (Gal 2,11-14).

Fl-episodju naraw il-qawwa ta' karattru ta' Pawlu quddiem il-prudenza beżżiegħa ta' Pietru, li ma riedx jurta lill-partit ta' dawk il-Lhud-Kristjani li kienu jagħtu awtorità kbira lil Ġakbu fil-Knisja-omm ta' Ġerusalemm. Il-periklu kien li kienet mhedda l-għaqda tal-Knisja f'Antjokja, li issa bdiet tinfired f'żewġ gruppi. Pawlu ħadha kontra Pietru minħabba l-aġir żbaljat tiegħu, għax ma riedx li tiġi kompromessa l-verità ta' l-Evanġelju. Pawlu juri bil-qawwa li l-ġustifikazzjoni ma tiġix mil-Liġi, imma mill-fidi fi Kristu. "Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa. Żommu sħiħ, u terġgħux tmiddu għonqkom għall-madmad tal-jasar. Araw, jiena, Pawlu, qiegħed ngħidilkom: jekk toqogħdu għaċ-ċirkonċiżjoni, xejn ma jkun jiswielkom Kristu" (Gal 5,1-2).

Ma nafux x'reazzjoni għamel Pietru, imma x'aktarx li hu sema' minn Pawlu u ħadem biss biex tinżamm l-għaqda bl-osservanza tad-digriet apostoliku.

**Alfio M. Buscemi ofm**





# IL-LITURĠIJA FIĊ-ĊENAKLU FL-EWWEL SEKLI

L-ewwel komunità nisranija ta' l-Art Imqaddsa kienet tfittex li tiċċelebra taħt forma ritwali l-misteri tal-ħajja ta' Kristu fl-istess postijiet li fihom seħħu. Iċ-Ċenaklu kien wieħed mill-aktar postijiet maħbubin u meqjumin. Hemmhekk, fil-fatt, twieldet il-Knisja u ġiet imħarsa l-kattedra ta' San Ġakbu, l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm, bħala sinjal tad-dinjità ta' l-ewwel waħda fost il-Knejjes. Għal din ir-raġuni l-Knisja ta' Ġerusalemm tissejjaħ «Omm il-Knejjes kollha».

Il-postijiet qaddisa, u partikolarment iċ-Ċenaklu, mill-ewwel kisbu importanza fondamentali fil-ħajja liturġika ta' Ġerusalemm, għaliex huma l-protagonisti tat-talba ewkaristika li din il-Knisja minn dejjem offriet: «Noffrulek din l-offerta, Mulej, ukoll għal dawn il-postijiet qaddisa tiegħek, li Inti imlejt bil-glorja meta urejtna fihom lil Kristu kif ukoll permezz taż-żjara ta' l-Ispirtu Qaddis tiegħek. B'mod partikolari nitolbuk għall-qaddisa u glorjuża Sijon, omm il-knejjes kollha, u għall-knejjes kollha u għall-Knisja qaddisa tiegħek, kattolika u apostolika, li hi mxerrda mad-dinja kollha» (Anáfora ta' S. Ġakbu isqof ta' Ġerusalemm). F'dan l-istess post taċ-Ċenaklu – kif jgħid dan l-istess dokument ftit qabel - «l-Ispirtu l-aktar Qaddis, Mulej li jagħti l-ħajja [...] niżel taħt forma ta' ilsna tan-nar fuq l-Appostli kollha qaddisa, fil-kamra ta' fuq ta' Sijon il-qaddisa u l-glorjuża, fil-jum qaddis ta' Għid il-Ħamsin».
It-tradizzjoni tidentifika ċ-Ċenaklu bħala l-ambjent li fih il-Mulej deher lill-Appostli nhar Ħadd il-Għid u tmint ijiem wara, kif ukoll bħala l-ambjent li fih kienu jinġabru flimkien l-Appostli flimkien ma' Marija meta niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu. Iċ-Ċenaklu hu l-post li fih il-Mulej iċċelebra l-Aħħar Ikla ta' l-Għid tiegħu ma' l-Appostli, hu l-post li fih ġie magħżul Mattija flok Ġuda, fejn Marija għexet flimkien ma' Ġwanni wara t-Tlugħ fis-sema ta' Ġesù, u fejn hi temmet jiemha fuq din l-art fid-Dormizzjoni tagħha.
Id-dokumenti li jorbtu flimkien il-ġrajjiet bibliċi mal-post li fih seħħu huma ta' diversi tipi: insibu dokumenti bibliċi, apokrifi, liturġiċi u narrattivi, kif inhuma d-dokumenti storiċi u r-rakkonti tal-pellegrini tal-qedem. Fil-każ taċ-Ċenaklu jiena se nillimita ruħi biex insemmi d-dokumenti liturġiċi, għar-raġuni li huma jitkellmu b'mod espliċitu dwar iċ-ċelebrazzjonijiet li seħħew fiċ-Ċenaklu. Se nitkellmu partikolarment dwar Egeria u l-Lezzjunarji Armen u Ġorġjan.

## Egeria (381-384)

Il-pellegrina Spanjola Egeria, meta titkellem dwar iċ-Ċenaklu, qatt ma ssejjaħlu b'dan l-isem, imma tippreferi l-isem «Sijon». B'dan it-titlu titkellem dwar il-Knisja mibnija fil-post li jfakkar id-dehra tal-Mulej lill-Appostli nhar Ħadd il-Għid filgħaxija («Itinerarium Etheriae» [IE] 39,5), u l-Ħadd ta' wara (IE 40,2), u fejn l-Ispirtu s-Santu niżel fil-jum ta' Pentekoste fid-disgħa ta' filgħodu (IE 43,2s). Għaldaqstant, dan hu l-post li fih kienet tinġabar il-komunità kristjana tas-seklu 4 biex tiċċelebra dawn il-ġrajjiet ta' salvazzjoni fil-jum ta' l-anniversarju tagħhom. Barra minn dawn il-ġranet, il-komunità kienet tinġabar hawnhekk biex tiċċelebra l-Ewkaristija nhar il-Ġimgħa ta' l-ottava ta' l-Epifanija (IE 25,11), u l-Erbgħa u l-Ġimgħa taż-żmien ordinarju, fis-siegħa



EGERIA

nona (fit-3 p.m.). Fiż-żmien li jmur mill-Għid sa Pentekoste din iċ-ċelebrazzjoni kienet issir fis-sebħ («mane»), billi ma kienx ikun żmien ta' sawm. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira kienet issir velja li kienet ittul sa sbiħ il-jum («mane») tas-Sibt. U l-istess, nhar il-Ġimgħa l-Kbira filgħodu kmieni, fil-ħin li ma kienx hemm ċelebrazzjonijiet liturġiċi bejn il-Ħamis u l-Ġimgħa, min jixtieq kien imur fiċ-Ċenaklu biex iqim il-kolonna tal-Flaġellazzjoni li hemmhekk kienet imħarsa. Egeria tirreferi kif kienu jiġu ċċelebrati d-dehriet tal-Mulej Irxuxtat u l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu: «Nhar Ħadd il-Għid, wara li jintemm il-"lucernarium" [għasar], jiġifieri fl-Anástasis [Qabar ta' Kristu], il-poplu kollu jakkumpanja lill-isqof fil-post ta' Sijon, fost il-kant ta' l-innijiet. Malli jaslu hemmhekk, kienu jitkantaw l-innijiet proprji tal-ġurnata u tal-post, tingħad talba u tinqara s-silta ta' l-Evanġelju fejn jiġi rrakkontat li f'dak l-istess jum il-Mulej daħal f'dan l-istess post, fejn illum tinsab din l-istess knisja ta' Sijon, u deher lid-dixxipli għalkemm il-bibien kienu magħluqa. Dakinhar wieħed mid-dixxipli, jismu Tumas, ma kienx magħhom. Imma meta ġie lura, hekk kif l-Appostli l-oħrajn qalulu li huma kienu raw lill-Mulej, hu qalilhom: "Jekk ma narax ma nemminx" (Ġw 20,25). Wara li tinqara din is-silta, mill-ġdid tingħad talba oħra, jitbierku l-katekumeni u l-kumplament tal-fidili, u kull wieħed imur lura lejn daru meta tkun it-tieni siegħa tal-lejl» (IE 39,4s). Il-Ħadd ta' l-Ottava ta' l-Għid ukoll kienet issir ċelebrazzjoni fl-Anástasis (il-Post tal-Qawmien, jew il-Qabar ta' Kristu) u fuq is-Salib (fuq il-Kalvarju). Din kienet tkun il-"lucernarium", jew Għasar: «Minn hawn il-poplu kollu, mingħajr eċċezzjoni, filwaqt li jkanta innijiet, kien jakkumpanja lill-isqof sal-knisja ta' Sijon; malli jaslu hemmhekk, fl-istess mod kienu jgħidu l-innijiet li jaqblu mal-post u mal-ġurnata; jinqara mill-ġdid l-Evanġelju li fih jiġi rrakkontat kif, fl-ottava ta' l-Għid, il-Mulej daħal fejn kienu jinsabu d-dixxipli



u ċanfar lil Tumas tan-nuqqas ta' fidi tiegħu. Jixxandar dan il-qari kollu; imbagħad issir talba, u wara li jitbierku l-katekumeni u l-fidili, skont id-drawwa, kulħadd jerġa' lura lejn id-dar, bl-istess mod kif kienu għamlu nhar Ħadd il-Għid, jiġifieri fit-tieni siegħa tal-lejl» (IE 40,2).

F'Ħadd Għid il-Ħamsin kienu jsiru żewġ laqgħat liturġiċi fuq is-Sijon: l-ewwel waħda filgħodu, fis-siegħa tat-terza (9 a.m.), wara ċ-ċelebrazzjoni ewkaristika fil-«Martyrium» (il-knisja kbira li kien hemm quddiem ir-rotunda tal-Qabar ta' Kristu), u t-tieni laqgħa filgħaxija wara ċ-ċelebrazzjoni quddiem is-Salib (il-Kalvarju). Filgħodu, «meta tintemm iċ-ċelebrazzjoni fil-"Martyrion", il-poplu kollu mingħajr eċċezzjoni jakkumpanja lill-isqof lejn is-Sijon filwaqt li jitkantaw innijiet, b'tali mod li jaslu fil-knisja tas-Sijon eżatt fis-siegħa tat-terza. Malli jaslu hemmhekk, tinqara s-silta ta' l-Atti ta' l-Appostli li fiha jingħad kif l-Ispirtu niżel b'mod li l-Appostli nstemgħu jitkellmu f'diversi ilsna u kulħadd fehem dak li kienu qed jgħidu; imbagħad, skont l-ordni tar-rit, tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija. Il-presbiteri jitkellmu dwar dak li jkun inqara, għaliex fuq is-Sijon, fejn illum hemm knisja oħra, isir l-istess kif isir wara l-Passjoni tal-Mulej biex titfakkar il-ġemgħa ta' l-Appostli miġbura flimkien; għaldaqstant hemmhekk tinqara s-silta ta' l-Atti ta' l-Appostli. Imbagħad, skont ir-rit, tiġi ċċelebrata l-Quddiesa, issir l-offerta, u mbagħad jintbagħat il-poplu» (IE 43,2s).

Filgħaxija wkoll jasal fuq is-Salib (Kalvarju) «il-poplu kollu, mingħajr ma jonqos ħadd mill-insara, u jakkumpanjaw lill-isqof sal-knisja ta' Sijon bil-kant ta' l-innijiet. Meta jaslu hemmhekk, jinqraw is-siltiet li jaqblu mal-ġurnata, jingħadu salmi u antifoni, issir talba, tingħata l-barka lill-katekumeni u lill-fidili, u mbagħad dawn jintbagħtu. Qabel ma joħorġu kollha kemm huma jersqu biex ibusu l-id ta' l-isqof, u wara kulħadd imur lura lejn id-dar għal xi nofs il-lejl» (IE 43,8s).

Skont Egeria mela, is-Sijon



hi l-post li fih kienet tiltaqa' l-ġemgħa liturġika f'jiem determinati u li fih jitfakkru l-ġrajjiet li seħħew hemmhekk: partikolarment id-dehriet tal-Mulej u d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.

## Il-Lezzjunarju Armen (seklu 5)

Il-Lezzjunarju Armen (traduzzjoni tal-Lezzjunarju oriġinali, miktub bl-ilsien grieg, tal-liturġija ta' Ġerusalemm) jindikalna diversi ċelebrazzjonijiet li kienu jsiru fil-post ta' Santa Sijon, bl-indikazzjoni tas-siltiet li kienu jixxandru. Iċ-ċelebrazzjonijiet kienu jsiru fir-raba' jum ta' l-ottava ta' l-Epifanija, nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa tas-sitt ġimgħat tas-sawm jew ir-Randan, fil-għaxar siegħa



(4 p.m.), nhar Ħamis ix-Xirka, nhar Ħadd il-Għid, l-Erbgħa ta' l-Ottava ta' l-Għid, il-Ħadd ta' l-Ottava ta' l-Għid u Ħadd Għid il-Ħamsin. Barra minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet li huma marbutin mal-misteru ta' Kristu, kienet issir ukoll ċelebrazzjoni nhar il-25 ta' Diċembru. F'dan il-jum, filwaqt li f'postijiet oħrajn kien jiġi ċċelebrat il-Milied, f'Ġerusalemm kienet issir il-kommemorazzjoni ta' San Ġakbu u David. B'dan il-mod kienet tiġi ċċelebrata l-istorja tas-salvazzjoni fl-aspett doppju tagħha ta' profezija u realtà. Il-profezija kienet rappreżentata minn David, sultan ta' Sijon, u figura minn qabel tal-Messija; filwaqt li r-realtà tas-salvazzjoni kienet rappreżentata minn San Ġakbu, ħu l-Mulej, bħala l-ewwel isqof ta' Ġerusalemm u dak li kompla l-opra ta' Ġesù kap, u li l-ministeru tiegħu kien isib it-tifsira ġeografika tiegħu f'Sijon il-ġdida, fejn sallum għadha mħarsa l-kattedra tiegħu. Jekk Sijon kienet il-belt ta' David u l-kapitali tal-poplu l-magħżul, Sijon il-ġdida hi s-sede oriġinali tal-Knisja l-ġdida, tal-poplu l-ġdid, u għaldaqstant ta' dik li hi «Omm il-Knejjes kollha». Fil-jum ta' Ħamis ix-Xirka («Ħamis il-Għid tal-Patt il-Qadim»), wara s-seba' siegħa (1 p.m.) kienet issir ċelebrazzjoni ewkaristika doppja: fil-«Martyrion» u mbagħad wara s-Salib («post Crucem»). Immedjatament wara l-poplu kien imur fuq Sijon fejn kien isir qari jixbah lil dak li jkun sar fil-«Martyrion» u li fih kien jiġi nkluż dak ta' l-Aħħar Ikla

(S 22; 1Kor 11,23-32 u Mk 14,1 jew 12-26). Dan kien sinjal evidenti li ċ-Ċenaklu kien jiġi identifikat b'mod proprju mal-post ta' l-Aħħar Ikla tal-Mulej. Filgħaxija ta' Ħadd il-Għid, wara li mill-Anástasis kienu jmorru lejn Sijon, il-fidili kienu jkantaw is-salm 149 u jxandru s-silta evanġelika tad-dehra tal-Mulej. Il-fatt evanġeliku kien għaldaqstant jiġi ċċelebrat fl-istess post u fl-istess siegħa tal-jum li fih seħħ (cfr. Ġw 20,19-25).

Nhar l-Erbgħa ta' wara Ħadd il-Għid ukoll kien hemm din l-ordni ta' qari (S 147; Atti 3,22-4,12; Ġak 1,1-12; Hallelujah u Lq 24,36-40). Kienet issir it-tifkira tad-dehra tal-Mulej li saret filgħaxija ta' Ħadd il-Għid proprju liż-żewġ dixxipli li kienu mexjin lejn Għemmaws, u li waqt il-vjaġġ għamlu l-esperjenza tal-laqgħa tagħhom mal-Mulej Irxuxtat (Lq 24,36).

Nhar il-Ħadd ta' l-Ottava ta' l-Għid kienet issir laqgħa liturġika fuq Sijon bl-iskop li titfakkar id-dehra tal-Mulej f'dak il-jum (S 149; Ġw 20,26-31).

Il-Ħadd ta' Pentekoste kienu jsiru żewġ laqgħat fuq is-Sijon skont dan il-Lezzjunarju. L-ewwel kienet issir fis-siegħa tat-terza, wara l-Ewkaristija tal-«Martyrion». Kien jitkanta s-salm 142 u jinqraw is-siltiet ta' l-Atti ta' l-Appostli (2,1-21) li huma marbutin mal-ġrajja tal-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu, kif ukoll is-silta ta' l-Evanġelju ta' Ġwanni li jitkellem dwar il-wegħda ta' l-Ispirtu (Ġw 14,25-29 jew 31). Il-laqgħa ta' filgħaxija kellha l-iskop li tapprofondixxi l-misteru ċċelebrat bl-istess kliem tal-Mulej (S 142; Ġw 14,15-24), li jwiegħed lid-dixxipli d-don ta' l-Ispirtu tal-verità bħala Dak li jkun id-Difensur tagħhom li jfarraġhom wara t-tluq ta' Kristu minn magħhom.

Il-Lezzjunarju Armen iżid, ma' dak li kitbet Egeria, li barra mit-tifkiriet tad-dehriet tal-Mulej u ta' l-inżul ta' l-Ispirtu, fis-Sijon kienet issir ukoll it-tifkira ta' l-Aħħar Ċena u dik ta' San Ġakbu u David.

## Il-Lezzjunarju Ġorġjan (sekli 6-8)

Skont il-Lezzjunarju Ġorġjan (traduzzjoni fil-lingwa Ġorġjana mill-oriġinal Grieg) iċ-ċelebrazzjoni ta' David u San Ġakbu l-ewwel isqof ta'



Ġerusalemm, ma kinetx issir fil-25 ta' Diċembru, imma fis-26, biex hekk fil-25 jiġi ċċelebrat il-Milied. Is-27 ta' Diċembru kienet issir il-kommemorazzjoni ta' San Stiefnu fid-«diacónicon» (post tas-servizz liturġiku, jew sagristija) tal-knisja ta' Sijon. Imbagħad, f'relazzjoni mas-sena liturġika, għandna s-«sinaxis» jew il-laqgħa liturġika tar-Randan u tal-Ġimgħa l-Kbira, li kienet tkun imqassma kif sejrin naraw.

Ir-Randan kien jikkonsisti minn sitt ġimgħat, li qabilhom kien hemm tħejjija ta' ġimagħtejn oħra. Fl-ewwel Ħadd taż-żmien qabel ir-Randan l-insara kienu jibdew l-astinenza mil-laħam, filwaqt li fit-tieni ġimgħa kienu jieqfu wkoll mil-latticini. Fl-ewwel ġimgħa tar-Randan kienet issir il-laqgħa liturġika l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Fis-sitt ġimgħat tar-Randan kienu jmorru fis-Sijon nhar ta' Ġimgħa tal-ġimgħat kollha, nhar ta' Erbgħa bejn it-tieni u s-sitt ġimgħa, nhar ta' Tlieta tat-tielet u r-raba' ġimgħa, nhar ta' Ħamis fit-tielet, raba' u ħames ġimgħa, u nhar ta' Tnejn fil-ħames u s-sitt ġimgħa, u t-Tnejn tal-Ġimgħa mqaddsa.

It-Tnejn tal-Ġimgħa mqaddsa, fuq is-Sijon, waqt il-Għasar, kien jinqara l-Evanġelju ta' Mattew 20,17-28, fejn il-Mulej iħabbar il-passjoni u l-qawmien tiegħu, wara li omm l-appostli Ġakbu u Ġwanni titlob għal uliedha l-post ta' l-unur maġenb it-tron ta' Kristu sultan.

Nhar Ħamis ix-Xirka kienet issir l-aħħar laqgħa liturġika fi ħdan il-vġili kbira ta' bil-lejl. Is-siltiet evanġeliċi li kienu jinqraw (Ġw 18,3-27 u Lq 22,54-23,31) kienu jirreferu għat-tradiment u għall-arrest ta' Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani, għal Ġesù meħud fid-dar ta' Anna missier il-mara ta' Kajfa, għaċ-ċaħdiet ta' Pietru, għall-interrogatorju ta' Ġesù fid-dar tal-qassis il-kbir Kajfa, għal Ġesù quddiem Pilatu u Erodi u għat-tlugħ lejn il-Kalvarju.

Nhar Ħadd il-Għid il-Kbir kienet issir laqgħa liturġika fuq is-Sijon filgħaxija, li fiha kien jiġi ċċelebrat il-«lucernarium», jew l-Għasar. F'dan il-kuntest kien jiġi mxandar l-Evanġelju ta' Ġwanni 20,19-25 li jirrakkonta d-dehra ta' Ġesù irxuxtat lid-dixxipli meta l-bibien kienu magħluqin u fl-assenza ta' Tumas. Silta oħra evanġelika li kienet tinqara skont manuskritt tal-Lezzjunarju Ġorġjan kienet dik ta' Luqa 24,13-35, li tirrakkonta d-dehra tal-Mulej irxuxtat lid-dixxipli ta' Għemmaws.

Nhar l-Erbgħa ta' l-Ottava ta' l-Għid kienet issir laqgħa liturġika oħra fuq is-Sijon li fiha kienu jinqraw l-Atti ta' l-Appostli 3,1-21, jiġifieri



s-silta li tirrakkonta dwar Pietru u Ġwanni li jitilqgħu fit-tempju fid-disa' siegħa u jfejqu l-magħtub. Kien jinqara wkoll Ġakbu 1,13-19 u Luqa 24,13-35. Din is-silta evanġelika tirreferi, kif diġà rajna, għall-episodju ta' Għemmaws.

Il-Ħamis ta' l-Ottava ta' l-Għid kien jitfakkar l-episodju tat-talb ta' l-Appostli flimkien ma' Marija Omm Ġesù. X'aktarx li kienu jitfakkru wkoll l-elezzjoni ta' Mattija (Atti 1,12ss), is-silta ta' Ġakbu 2,1-13 u l-Beatitudni (Mattew 5,1-12).

Waħda mis-siltiet tal-qari ta' l-Erbgħa tar-raba' ġimgħa ta' l-Għid hi dik ta' l-Atti ta' l-Appostli 20,7-21. Titkellem dwar il-ġemgħa ewkaristika tal-Ħadd li fiha ħa sehem Pawlu, u li fiha jissemma l-ġest tal-«qsim tal-ħobż», u dwar il-vjaġġ bil-baħar li jagħmel l-Appostlu tal-ġnus biex jasal Ġerusalem għal jum Għid il-Ħamsin.

Jidher stramb li skont il-manuskritti tal-Lezzjunarju Ġorġjan, is-silta ta' l-Atti ta' l-Appostli li tirrakkonta l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fit-tielet siegħa (2,1-21) ma kinetx tinqara fuq is-Sijon imma fil-«Martyrion» waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija, kif ukoll fil-post ta' l-Axxensjoni wara n-nona. Fuq is-Sijon kien jinqara Ġwanni 16,5-15, jiġifieri l-wegħda ta' l-Ispirtu s-Santu fil-kuntest ta' l-Aħħar Ċena, u wara dan l-insara kienu jirritornaw mill-Għolja taż-Żebbuġ, u jmorru fl-Anástasis, fejn kienu jaslu tard mhux ħażin.

Il-Lezzjunarju Ġorġjan juri bidla ta' orjentament liturġiku fuq is-Sijon rigward għal dak li rajna fil-każ tal-Lezzjunarju Armen. Ma jindikax iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Aħħar Ċena u lanqas is-silta tal-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu. Rigward il-kalendarju, jittrasferixxi it-tifkira tal-25 ta' Diċembru għas-26; fil-jum tas-27 ta' Diċembru jfakkar lil San Stiefnu u jgħid li t-tifkira tal-qaddis tiġi ċċelebrata fid-«diacónicon» tal-knisja ta' Sijon.

## Konklużjoni

Mid-dokumentazzjoni li analizzajna jidher li ċ-Ċenaklu jew Sijon jiġi identifikat mal-post tad-dehriet tal-Mulej nhar Ħadd il-Għid u nhar il-Ħadd ta' wara (Ottava ta' l-Għid), kif ukoll bħala l-post ta' l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu.

Ir-rabta taċ-Ċenaklu mat-tifkira ta' l-Aħħar Ċena ma tidhirx fil-Lezzjunarju Armen, imma dan ma jfissirx li fi żmien Egeria l-insara ma kinux ifakkru din il-ġrajja f'dan il-post. Fil-fatt, l-interess liturġiku-teoloġiku ta' Ħamis ix-Xirka jidher fl-





identifikazzjoni tal-post fejn il-ġemgħa kienet tinġabar nhar ta' Ħadd, jiġifieri fil-«Martyrion», bl-aspett ta' l-ikla mqaddsa taċ-ċena tal-Mulej u billi jingħaqdu flimkien din l-ikla ma' l-aspett sagrifikali u ritwali tagħha, marbut fiżikament mal-Kalvarju, fejn kienet tiġi ċċelebrata t-tieni Quddiesa. Fi żmien il-Lezzjunarju Armen jidher li kienet reġgħet qabdet id-drawwa tipikament marbuta ma' Ġerusalemm, li tiċċelebra l-liturġija «marbuta mal-jum u mal-post», u għalhekk wara ċ-ċelebrazzjoni tat-tieni Quddiesa wara l-Kalvarju («post Crucem»), kif tgħid Egeria, kulħadd kien imur fuq is-Sijon u hemmhekk kienu jinqraw siltiet ta' qari jixbhu lil dawk li jkunu nqraw fil-«Martyrion», mingħajr iżda ma jingħad li kienet tiġi ċċelebrata l-Ewkaristija għat-tielet darba. Ta' min iżid il-fatt li r-rabta ta' Sijon jew Ċenaklu mad-dehriet ta' Kristu Irxuxtat fi nżul ix-xemx ta' Ħadd il-Għid il-Kbir jagħtu lil dan il-post importanza primarja f'relazzjoni mal-jum tal-Ħadd, importanza li hi marbuta mal-post qaddis ta' l-Anástasis, fejn filgħodu ta' jum l-Għid tiġi ċċelebrata t-tifkira tal-qawmien mill-imwiet fil-post li fih seħħet. Hekk jidher li ċ-Ċenaklu wkoll hu marbut mal-misteru tal-Qawmien mill-Imwiet ta' Kristu. Fil-Qabar kienu l-anġli li ħabbru l-qawmien tal-Mulej Ġesù, filwaqt li fiċ-Ċenaklu kien il-Mulej innifsu ħaj fil-persuna tiegħu li ħabbar dan il-misteru lill-Appostli. B'hekk iċ-Ċenaklu hu post marbut intimament mal-misteru ta' Jum il-Mulej, il-Ħadd.

Iċ-Ċenaklu jfakkarna f'Jum il-Mulej, u b'mod partikolari f'Jum Għid il-Ħamsin, billi hu l-post li fih titwieled il-Knisja bil-qawwa tan-nifs ta' l-Ispirtu s-Santu u fejn il-Mulej jirrivela l-Ħadd ta' Pentekoste bid-don ta' l-Ispritu tiegħu.

L-Ewkaristija, li titwieled fiċ-Ċenaklu, hi l-ġrajja karatteristika ritwali tal-Jum tal-Mulej, u għalhekk hu evidenti li hemm rabta doppja bejn iċ-Ċenaklu u l-jum tal-Ħadd. Dan kemm minħabba r-relazzjoni ma' l-Ewkaristija, kif ukoll minħabba r-relazzjoni mad-dehriet ta' l-Irxuxtat. Bħala konsegwenza ċ-Ċenaklu jiġi magħqud maċ-ċelebrazzjoni tal-Ħadd bl-istess mod kif l-Anástasis hu marbut mal-Qawmien mill-Imwiet tal-Mulej.

**Enrique Bermejo OFM**

# PATRI MICHELE PICCIRILLO

# APPREZZAMENT



Nhar il-Ħadd 26 ta' Ottubru ġriet l-aħbar mhux mistennija tal-mewt ta' Patri Michele Piccirillo OFM, Arkeologu ta' fama internazzjonali u professur ta' l-istorja u ġeografija biblika fil-Fakultà tax-Xjenzi Bibliċi u Arkeoloġija ta' li «Studium Biblicum Franciscanum» f'Ġerusalemm.

Michele Piccirillo twieled f'Casanova di Carinola, l-Italja, fit-18 ta' Novembru 1944. F'età żagħżugħa ħafna daħal fl-Ordni Franġiskan bħala membru tal-Kustodja Franġiskana







ta' l-Art Imqaddsa, fejn fl-1961 għamel il-professjoni reliġjuża u fl-1967 ġie ordnat saċerdot. Wara l-istudji tiegħu fl-Iskrittura u l-Arkeoloġija Patri Piccirillo mill-1974 ingħata b'ruħu u ġismu għat-tagħlim ta' ħutu l-Franġiskani ġo «Studium Biblicum Franciscanum» ta' Ġerusalemm. Fl-istess żmien hu beda l-karriera li kellha tagħtih fama internazzjonali bħala arkeologu li ta ġieħ lill-Ordni Franġiskan u lill-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa. Bl-għajnuna ta' diversi patrijiet u kollaboraturi oħrajn, matul medda twila ta' kważi erbgħin sena, Patri Michele Piccirillo ħa ħsieb ikompli diversi kampanji ta' skavi arkeoloġiċi li kienu bdew Franġiskani arkeoloġi qablu. Baqa' famuż l-aktar għall-ħidma tiegħu ta' tiftix arkeoloġiku fil-fdalijiet ta' l-epoka Biżantina (4-7 sekli) fil-Ġordanja. L-isem ta' Patri Michele jibqa' marbut ħaġa waħda mal-Memorjal tal-Profeta Mosè fuq il-muntanja Nebo, fejn hu xtaq li jiġi midfun, kif fil-fatt ġara nhar l-1 ta' Novembru, wara li kienu saru l-funerali tiegħu f'Livorno, fejn miet, fil-bażilika ta' l-Università Pontifiċja Sant'Antnin f'Ruma, u fil-belt ta' Amman, preseduti mill-Kustodju ta' l-Art Imqaddsa, Patri Pierbattista Pizzaballa, u mill-Patrijarka Latin ta' Ġerusalemm Mons. Fouad Twal.

Is-santwarju tal-muntanja Nebo kien il-mimmi ta' għajnejn Patri Michele. F'dan

is-santwarju jinsab midfun ukoll il-pijunier ta' l-iskavi arkeoloġiċi ta' dan is-sit, Patri Jerome Mihaic, li kien xtara bil-flus tal-Kustodja ż-żewġ qċaċet tan-Nebo, jiġifieri l-Mukhayyat u s-Siyagha, fl-1933. Kien fuq is-Siyagha li nstabu l-fdalijiet ta' kumpless ta' monasteri u bażilika biżantina ddedikata lil San Mosè. L-arkeologu Patri Sylvester Saller imbagħad organizza tliet kampanji ta' skavi arkeoloġiċi fl-1933, 1935 u 1937. Warajh kompla l-iskavi tan-Nebo Patri Bellarmino Bagatti. Imma kien Patri Michele Piccirillo li ta spinta lill-iskavi tan-Nebo, megħjun minn numru kbir ta' kollaboraturi u arkeoloġi. Għall-funerali tiegħu fuq in-Nebo kien hemm preżenti Patri Ġwann Abela, li għal dan il-perjodu twil ta' żmien kien ta' kull sena jieħu sehem fl-iskavi arkeoloġiċi li saru fuq il-muntanja Nebo u f'żoni arkeoloġiċi oħrajn fil-Ġordanja.

Fil-Ġordanja Patri Michele kien magħruf saħansitra mill-familja rjali Ħaxxemita, u kellu ħbieb personali fl-ogħla gradi tal-gvern. Kien hu li skopra u ħeġġeġ biex jiġi żviluppat is-sit oriġinali tal-magħmudija ta' Ġesù fuq ix-xaqliba Ġordana tax-xmara Ġordan, f'post jismu Al-Maghtkas, fejn il-Papa Ġwanni Pawlu II mar fuq pellegrinaġġ fis-sena 2000. Jibqa' immortali r-ritratt ta' Patri Michele Piccirillo wieqaf flimkien mal-Papa Ġwanni Pawlu II fuq il-quċċata tan-











Nebo jispjega d-dehra li ra b'għajnejh Mosè qabel ma l-poplu daħal fl-art imwiegħda. Fil-belt qrib ta' Madaba Patri Michele kien il-fundatur ta' l-iskola ta' l-arti tal-mużajċi, il-«Madaba Mosaic School for Mosaic Restoration», li fiha ħeġġeġ it-talent lokali biex terġa' titqajjem industrija lokali li kienet ta' prestiġju kbir sa minn żmien il-Biżantini.
Patri Michele ma kienx magħruf biss fil-Ġordanja u f'Israel, fejn arkeoloġi ta' fama internazzjonali kienu juruh rispett u stima, u jieħdu interess kbir fis-sejbiet tiegħu. Hu qiegħed li «Studium Biblicum Franciscanum» fuq il-mappa mondjali taċ-ċentri rinomati ta' tiftix arkeoloġiku bl-interessament tiegħu f'siti oħrajn li l-Kustodja Franġiskana għandha, fosthom Kafarnahum u Magdala, kif ukoll fil-kura esperta tal-bini materjali tas-santwarji u t-tisbiħ tagħhom. Fost l-aħħar sejbiet ta' Michele Piccirillo nsemmu mużajċi ta' medda kbira li hu sab qrib Damasku fis-Sirja. Patri Michele ħa sehem jorganizza diversi esibizzjonijiet ta' livell internazzjonali, l-aktar bl-għajnuna ta' enti kulturali fl-Italja.
Patri Michele hu awtur ta' bosta pubblikazzjonijiet ta' prestiġju fil-kamp storiku u arkeoloġiku. Fost l-opri tiegħu nsemmu dawn li ġejjin: «Chiese e Mosaici di Madaba. Documentazione grafica» (SBF Collectio Maior 34), Jerusalem 1989; «The Mosaics

of Jordan», Amman 1993; «Umm al-Rasas – Mayfa'ah. Gli scavi del complesso di Santo Stefano», Jerusalem 1994; «The Madaba Map Centenary (1887-1987). Travelling through the Byzantine-Umayyad Period», Amman 1998; «Mount Nebo. New Archaeological Excavations (1967-1997)», Jerusalem 1999; «L'Arabia Cristiana», Milano 2002; «Un progetto di copertura per il Memoriale di Mosè. A 70 anni dall'inizio dell'indagine archeologica sul Monte Nebo in Giordania, 1933-2003», Jerusalem 2004; «Lo Notaio Nicola. Il pellegrinaggio da Carinola a Gerusalemme del Notaio Nicola De Martoni 1394-1395», Jerusalem 2003; «Registrum Equitum Ssmi Sepulchri Domini Nostri Jesu Christi (1561-1848)», Jerusalem 2006; «The Coins of the Decapolis and Provincia Arabia with Historical and Geographical Introductions by M. Piccirillo» (SBF Collectio Maior 25), Jerusalem 1978; «La Custodia di Terra Santa e l'Europa. I rapporti politici e l'attività culturale dei Francescani in Medio Oriente», Roma 1983; «La Nuova Gerusalemme. Artigianato Palestinese al servizio dei Luoghi Santi», Edizioni Custodia di Terra Santa – Regione Piemonte, Centro di Documentazione dei Sacri Monti, Calvari e Complessi Devozionali Europei, 2007; «La Palestina Cristiana. I-VII Secolo», Edizioni Dehoniane Bologna 2008.













Patri Michele kien Direttur tal-mużew arkeoloġiku ta' «Studium Biblicum Franciscanum», Direttur tal-missjoni arkeoloġika tal-Franġiskani tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa fuq il-Monte Nebo, Umm al-Rasas u Madaba; membru tar-Royal Asiatic Society ta' Londra u tal-Pontificia Accademia Romana di Archeologia, u konsultur tal-Pontificia Commissione per i Beni Culturali della Chiesa. Patri Michele Piccirillo miet wara marda qasira fl-età ta' 64 sena. Il-vojt li ħalla warajh ġie deskritt bħala «incolmabile» (ma jistax jimtela) minn diversi personalitajiet li huma esperti fil-ħidma arkeoloġika. Il-Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa u l-Ordni Franġiskan tilfu patri li ta ġieħ lit-tonka Franġiskana fuq ix-xena internazzjonali tad-dinja tal-kultura arkeoloġika. Minn fuq il-quċċata tas-Siyagha, fejn jistrieħ għal dejjem, Patri Michele għandu quddiemu id-dehra li kellu Mosè qabel miet: «Gilgħad sa Dan, Naftali kollu, l-art ta' Efrajm u Manassi, l-art kollha ta' Ġuda sal-baħar tal-punent, in-Negeb fin-nofsinhar, u l-firxa kollha mill-wita ta' Ġeriko, belt il-siġar tal-palm, sa Sogħar» (Dewteronomju 34,1-3). Minn hemm hu jilmaħ faċċata tiegħu l-quċċata ta' l-Għolja taż-Żebbuġ u l-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm, fejn għex u studja. Jalla issa l-Mulej jagħtih il-premju li jara b'għajnejh Ġerusalemm tas-sema.



# IT-TEMA TAL-ESKATOLOĠIJA FIR-RABA' VANĠELU

## "Għad Tasal is-Siegħa u Issa Hi..."

### Introduzzjoni

Il-kelma 'Eskatoloġija' ġejja mill-kelma griega 'eskaton' li tfisser "ta' l-aħħar". Għalhekk l-Eskatoloġija hija l-istudju dwar il-veritajiet tal-aħħar. Fil-vanġelu ta' San Ġwann nsibu

espressjoni interessanti ħafna: "Għad tasal is-siegħa u issa hi" (ara 4:23; 5:25 u 16:32). Din l-espressjoni wasslet għal diversi interpretazzjonijiet fost l-istudjuzi. Minn naħa, San Ġwann jagħmel enfasi fuq il-preżent bħala ż-żmien tal-ġudizzju, izda min-naħa l-oħra nsibu riferimenti għall-ġudizzju u l-qawmien fil-futur.

## L-Eskatoloġija f'San Ġwann

Il-Missier jibgħat lil Ibnu fid-dinja
Il-ġudizzju tal-Missier diġa` seħħ meta huwa bagħat lil Ġesù Kristu fid-dinja. Dawk li jemmnu fiH isalvaw, waqt li dawk li ma jemmnux jiġu kkundannati, kif naqraw f'3:18-19.

Huwa permezz ta' Kristu li wieħed jasal għal għand il-Missier kif insibu f'14:1-3: "Tħallux qalbkom titħawwad. Emmnu f'Alla u emmnu fija ukoll. Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet: li ma kienx hekk, kont ngħidilkom, sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu? U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi biex fejn inkun jien, tkunu intom ukoll."
Għalhekk mela naraw li l-Eskatoloġija ta' San Ġwann hija kkristallizzata fil-persuna ta' Kristu, mibgħut mill-Missier.



## Kristu: Il-Bidu u t-Tmiem

San Ġwann jikkonċentra l-Eskatoloġija tiegħu fuq Kristu: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix, u kull min igħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt." (11:25). Ġesù huwa l-Iben mibgħut fid-dinja biex jirrivela lil Alla lid-dinja. Ġesù huwa ħaġa waħda mal-Missier f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġudizzju: "Il-Missier ma jagħmel ħaqq minn ħadd, imma ħalla f'idejn l-Iben biex jagħmel il-ħaqq kollu Hu" (5:22). Din l-eskatoloġija realizzata fi Kristu hija f'rabta mal-qawmien u l-ġudizzju li għad irid isir.

Ġesù huwa wkoll dak li jagħti l-ħajja: "Għax bħalma l-Missier iqajjem lill-mejtin u jagħtihom il-ħajja, hekk ukoll l-Iben jagħti l-ħajja lil dawk li jrid Hu" (5:21). Għalhekk mela Ġwanni jippreżenta eskatoloġija verament żviluppata, ippersonifikata f'Ġesù Kristu, igglorifikat, li jgħammar flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu. Dawk li jemmnu għandhom il-ħajja 'issa' (ara 5:24 u 6:47). Min-naħa l-oħra, dawk li ma jemmnux f'Ġesù diġà ltaqgħu mal-kundanna tagħhom u se jibqgħu fil-mewt: "Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa diġà ikkundannat, għax ma emminx fl-isem ta' l-Iben il-waħdieni ta' Alla" (3:18).

Madankollu, fl-istess vanġelu, Ġesù nsibuh jistqarr li għad irid jerġa' jqajjem 'fl-aħħar jum' lil dawk li l-Missier afdalu f'idejh, dawk li bit-twemmin tagħhom fil-Kelma tiegħu diġà għandhom il-Ħajja (ara 6:39, 40, 44 u 54). Il-Kelma li Huwa xandar għad tagħmel ħaqq 'fl-aħħar jum' minn dawk li ma laqgħuhx, fejn f'waqt li ma jkunx mistenni 'is-siegħa għad trid tiġi', Ġesù se jiġbor il-popli għat-tgawdija jew għall-kundanna. Dawk li għad iridu jiġu mqajma minnu fl-aħħar jum diġà għandhom il-ħajja: "Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem" (12:25). Din hija r-rabta bejn l-eskatoloġija rrealizzata minn Kristu fil-preżent u dik li għad trid tiġi anke permezz tiegħu. Kristu





hu verament il-bidu u t-tmiem tal-Eskatoloġija.

## "Issa" u "Dak li ġej"

L-aċċettazzjoni ta' Ġesù, hija l-element deċisiv li fuqu jrid isir il-ġudizzju: "Smajtu x'għidtilkom: Jiena sejjer u nerġa' niġi għandkom. Kieku kontu tħobbuni, kontu tifirħu li sejjer għand Missieri, għax il-Missier hu akbar minni" (14:28). Hemm bżonn mela li wieħed jorbot mal-preżent l-idea tal-ġudizzju fil-ġejjieni. Dan huwa eżatt dak li nsibu fir-raba' vanġelu. Il-ħaqq 'fl-aħħar jum' jagħmel viżibbli u juri fil-beraħ il-karattru veru tal-bnedmin quddiem ir-rivelazzjoni definittiva ta' Alla f'Ġesù Kristu.
Il-fidi fil-kelma ta' Ġesù hija att mhux ta' mument wieħed biss, iżda ta' ħajja sħiħa, hija fuq kollox mixja lejn l-aħħar jum. Din il-fidi fi Kristu tinkorpora l-eskatoloġija ta' 'issa' u 'dik li ġejja'. Il-ħajja issa u l-qawmien fil-ġejjieni mhumiex inkompatibbli iżda jitobu lil xulxin. "Min jemmen fija, imqar jekk imut, ikollu l-ħajja" (11:25). Għalhekk il-ħajja fil-ġejjieni għad tinkuruna l-fidi sħiħa f'Ġesù fil-preżent meta narawH u ngħixu miegħU wiċċ imb wiċċ.

## Konklużjoni

Għalhekk mela fi kliem sempliċi, San Ġwann qed igħidilna sabiex ngħixu sewwa il-preżent għax minnu jiddependi l-futur, jew il-ħajja għad-tgawdija ta' dejjem jew il-mewt fil-kundanna ta' dejjem. Huwa jirnexxielu jorbot il-preżent u l-futur tal- Eskatoloġija fil-Persuna ta' Kristu. Il-Ħajja Eterna f'Ġesù Kristu diġa' bdiet bil-Qawmien Tiegħu li huwa garanzija għall-qawmien tagħna fil-Jum il-Kbir.

## Biblijografija


Ashton, J., Studying John: Approaches to the Fourth Gospel, New York 1995.

Barret, C.K., The Gospel according to St. John, London 1970.

Brown, R.E., The Gospel according to John, I, II, AB 29 – 29a, New York 1966.

Cardellino, L., "Leggere Giovanni", in Bibbia e Oriente 38 (1996) 129-201.

The New Jerome Biblical Commentary, R.E. Brown – J.A. Fitzmyer – R.E. Murphy (eds.), London 1991.

Parinter, J., The Quest for the Messiah. The History, Literature and Theology of the Johannine Community, Edinburgh 1993.

Schnackenburg, R., The Gospel According to St. John, I /II, New York 1968, 1980.

Schneider, J., Das Evangelium nach Johannes, Berlin 1976.


**Fr. Charles Buttigieg**



# IL-MISTERJU TAT-TRINITA' QADDISA (1)

Il-misterju tat-Trinità hu misterju fondamentali tar-reliġjon nisranija u min ma jemminx fih ma jistax jissejjaħ nisrani. Hu misterju għax il-moħħ tal-bniedem ma jasalx jifhmu mingħajr ir-rivelazzjoni li hija don ta' Alla. Il-bibbja titfa' dawl kbir biex fuqu, imma d-dawl tal-bibbja waħdu m'huwiex biżżejjed biex ikollna idea ċara tiegħu. Għaliex? Għax il-Bibbja titkellem fuq il-ħajja trinitarja "ad extra", jiġifieri dwar it-Trinità f'dak li għandu x'jaqsam mas-salvazzjoni tagħna, u mhux dwar il-ħajja ta' Alla fiha nnfisha. Dwar din i-ħajja intima



f'Alla nnifsu l-bibbja tefgħet dawl kbir u Kristu ħalla lill-għarusa tiegħu l-Knisja biex tiċċara l-istess dawl. Tant hu hekk li kull min ipprova jitkellem fuq it-Trinità kif jifhem moħħu, żbalja. Hu għalhekk li nibtu ħafna ereżiji matul iż-żminijiet u ngħataw ħana dikjarazzjonijiet mill-awtorità tal-Knisja (ara Denzinger Enchiridion Symbol., maħruġ minn Karla Rahner, Freiburg I. Br., 31 ed. 1960).

## Tliet Persuni f'Alla wieħed

Dan il-ftit kliem iħawwad il-moħħ ta' dawk li m'humiex insara; mhux biss iżda wkoll ta' dawk li jemmnu fi Kristu bħala mibgħut minn Alla u ma joqogħdux għat-tagħlim tal-Knisja. Hawn ukoll ħafna nsara li jemmnu fil-Knisja u ma jafux xi jfissru l-kelmiet "tliet Persuni f'Alla wieħed", jew "tliet persuni f'natura waħda divina", kif tgħallimna l-Knisja. Biex nifhmu dan, jeħtieġ li nifhmu xi tfisser natura u xi tfisser persuna. Nutura hawn tfisser l-għaqda tal-kwalitajiet essenzjali li jinsabu fi grupp partikolari ta' ħlejjaq; per eżempju, meta ngħidu "in-natura tal-bniedem m'hijiex in-natura tal-bhejjem, jew ta' l-anġli". L-annimal għandu ħames sensi bħall-bniedem, iżda m'għandux intelliġenza u rieda: ma jasalx jivvinta xi ħaġa bħall-bniedem, u jimxi dejjem skont l-istint. In-natura ta' l-anġli u ta' l-ispirti hija ogħla minn dik tal-bniedem: l-angli u l-ispirti m'għandhomx sensi bħall-bniedem, imma għandhom intelliġenza u rieda ogħla minn tal-bniedem.  In-natura ta' Alla hija ta' spirtu purissimu. Hija misterjuża għax ma naslux nifhmuha. Billi l-bniedem hu xbieha ta' Alla naslu jkollna xi ħjiel tan-natura tiegħu misterjuża.
Il-persuna hija dik li tagħmel l-azzjoni, li topera skont in-natura tagħha; mela fost il-bnedmin hemm natura waħda u għadd kbir ta' persuni, għax dak li jagħmel wieħed ma jagħmlux l-istess bniedem ieħor.
F'Alla hemm natura waħda imma tliet persuni.  M'humiex tliet allat imma Alla wieħed u hawn jinsab il-misterju.
L-ereżija tal-Modalisti għallmet li f'Alla hemm tliet allat indaqs għax il-persuni huma tlieta, ereżija li ġiet ikkundannata

mill-Knisja. Ereżija oħra kkundannata hija dik tas-Subordinaristi (f'diversi formi) li għammet li l-Iben u l-Ispirtu s-Santu huma inqas mill-Missier. Aħna ngħallmu li t-tliet persuni huma ndaqs fil-kobor: eterni u onnipotenti. Fl-eternità (li aħna ma naslux nifhmuha) il-Missier għaraf lilu nnifsu u ħabb lilu nnifsu u ġġenera, jew nissel lil Ibnu li hu l-Kelma u l-għerf tal-Missier, u f'dak il-mument stess (biex insejħulu hekk) ġie (mhux tnissel) l-Ispirtu s-Santu li jgħaqqad l-għerf u l-imaħabba tal-Missier u ta' l-Iben għax Alla hu għerf u mħabba fih innifsu. Billi l-ħajja f' Alla hija perfetta dak li jagħmel jidħol fih l-Iben u l-Ispirtu s-Santu, u dak li jagħmel l-Iben jidħol fih ukoll il-Missier u l-Ispirtu s-Santu. Hekk ukoll dak li jagħmel l-Ispirtu s-Santu jidħlu fih il-Missier u l-Iben. Meta Kristu twieled għalina kien mibgħut mill-Missier u bil-qawwa ta' l-Ispirtu. Huwa Kristu li miet għalina imma bir-rieda tal-Missier u l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-Knisja hi mwaqqfa minn Kristu skond ir-rieda tal-Missier u taħdem bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Biex inġibu eżempju mperfettissmu, meta wieħed, nimmaġinaw xema bi tliet ftejjel jixegħlu: ix-xema hija waħda, imma kull ftila tagħti d-dawl tagħha mix-xema waħda; hekk fit-Trinità, it-tliet persuni għandhom il-ħidma tagħhom minn fonti waħda.

## It-Trinità u r-reliġjonijiet abramitiċi

Meta l-Papa Benedittu XVI kien f'Kolonja għall-festa taż-żgħażagħ, f'wieħed mid-diskorsi tiegħu tkellem fuq ir-relazzjonijiet li hemm fit-twemmin tar-reliġjonijiet li sejħilhom "abramitiċi", jiġifieri li għandhom lill-patrijarka Abraham b'missierhom għax imnisslin minnu. Dawn huma il-Lhud, l-Misilmin u aħna





l-Insara, il-Lhud u l-Misilmin minn Ġakobb u Ismagħel, ulied Abraħam skond il-ġisem, u aħna spiritwalment permezz ta' Kristu. Aħna t-tlieta nemmnu fil-veru Alla wieħed ("monoteistiċi") u dan listess Alla rrivela ruħu u jsalva l-ħlejjaq bl-Ispirtu tiegħu. Jiena naħseb li wara studju profond permezz tal-grazzja ta' Alla tagħna it-tlieta, il-Lhud u l-Misilmin jistgħu u għandhom jaslu għat-twemmin f'Alla wieħed fi tliet persuni. Għalija, it-Trinità tibqa' misterju, imma twemmin neċessarju għal min jemmen f'Alla li jeżisti f'natura waħda, għax kull natura jeħtieġ tinfirex f'ħidma magħquda f'enerġija ta' imħabba, sewwa sew kif aħna l-insara nemmnu li Alla wera lillu nnifsu f'Ibnu f'ħajja ta' mħabba marbuta mill-Ispirtu s-Santu; għalhekk il-bibbja tgħid li "Alla hu mħabbba" u l-filosofija tgħallem li l-imħabba tespandi tuħha ("bonum est diffusivum sui"). Mela ladarba Alla hu mħabba kellu joħroġ minnu nnifsu, jirrivela ruħu u jiġbed kollox lejh innifsu. Dan it-tagħlim jinsab fil-bibbja kollha, tagħlim moħbi, imma ċar biżżejjed għal min jaqraha profondament u jitlob id-dawl tal-grazzja ta' Alla.

## X'tgħallem il-bibbja fuq in-natura ta' Alla.

Alla huwa spirtu u għalhekk ma jaqax taħt is-sensi tagħna, u kulħadd jimmaġinah skont il-moħħ fqajjar tagħna. Min jista' jimmaġina dak il-kobor enormi tiegħu? Imma l-bibbja, li hija l-kelma tiegħu, tkellimna fuq in-natura tiegħu. Tkellimna fuqu bħala dawl kbir, forsi minħabba li l-antiki kienu jqisu li d-dawl hu ħaġa qaddisa li ma tistax tfissirha. Il-ktieb ta' l-Eżodu jgħid li Alla jgħammar fid-dawl (24,10; ara 1 Tim 6,16). Is-salm 104,2 jgħid li hu mlibbes bid-dawl. San Ġwann jitkellem fuqu u jgħid li hu l-istess dawl (1 Ġw 1,5) u meta sar bniedem sar id-dawl tad-dinja (Ġw 1,1-18; 18,12). Ħafna testi taż-żewġ Testmenti jitkellmu fuq in-natura ta' Alla bħala tjubija, ħniena u mħabba. Billi m'huwiex possibbli li jiġu kkwotati l-għadd kbir ta' dawn it-testi, biżżejjed li jkunu kkwotati dawn: Dt 7,8; S, 34,9; S. 36,6s.; Lq 1,50.78; Rum 2,4; Pt 1,3; 1 Ġw 4,16; eċċ.

*(tkompli fil-ħarġa li jmiss)*

**P. Guido Schembri ofm**




# TINSEWX
# iġġeddu l-Abbonament tagħkom fir-rivista tagħna għas-sena 2009




*Ktieb ġdid mill-Edizzjoni TAU u l-Kummissarjat ta' l-Art Imqaddsa*

*ta'*

***P. Marcello Ghirlando, OFM***

*Introduzzjonijiet għal kull ktieb tal-Bibbja u iżjed.*

*Prezz €10 u jinkiseb mill-ħwienet tal-kotba ewlenin*

*jew ċempel 21242254, 21251131*